



Brussell, 31 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

14128/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0085(COD)

CYBER 343
TELECOM 428
INST 396
CSC 472
CSCI 157
INF 176
FIN 1158
BUDGET 22
DATAPROTECT 294
CODEC 1617

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	10097/5/22 REV 5 7474/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni - Approċċ ġenerali

INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni. Il-proposta kienet waħda mill-miżuri previsti fl-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Digitali¹, li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tal-Unjoni kontra t-theddid ċibernetiku.

¹ 14133/20.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Marzu 2021 dwar din l-Istrateġija², il-Kunsill enfażizza li ċ-ċibersigurtà hija "vitali għall-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u l-istituzzjonijiet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE u għas-soċjetà tagħna u l-ekonomija kollha kemm hi".

2. Il-proposta tal-Kummissjoni, ibbażata fuq l-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandha l-għan li ttejjeb il-livell ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni billi tistabbilixxi qafas komuni, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-awtonomija ta' kull entità tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-għanijiet tal-proposta huma:
 - li ssaħħaħ il-mandat u l-finanzjament tas-CERT-UE (skwadra interistituzzjonali awtonoma ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters għall-entitajiet tal-Unjoni);
 - li tistabbilixxi struttura interistituzzjonali (Bord Interistituzzjonali ta' Ċibersigurtà - IICB), li tlaqqa' flimkien rappreżentanti tal-entitajiet kollha tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adegwata tar-Regolament;
 - li tintroduċi l-obbligu għall-entitajiet tal-Unjoni li jikkondividu informazzjoni (mhux klassifikata) rigward inċidenti mas-CERT-UE u li jiġu rrapportati theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti sinifikanti; u
 - li tippromwovi l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni b'rispons għal inċidenti sinifikanti.
3. Il-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Henna Virkkunen (PPE) bħala r-rapporteur tal-Kumitat ITRE, li huwa responsabbli għas-suġġett. L-abbozz tar-rapport ġie ppubblikat fis-7 ta' Ottubru 2022.
4. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Mejju 2022³.

² 6722/21.

³ 9252/22.

5. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta fil-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (HWPCI) beda matul il-Presidenza Franċiża fid-29 ta' Marzu 2022. Il-Presidenza Franċiża ħejjiet l-ewwel test ta' kompromess, diskuss fl-HWPCI f'Ġunju 2022, u ppreżentat rapport ta' progress⁴ lill-Kunsill fil-21 ta' Ġunju 2022.
6. Matul il-Presidenza Ċeka, l-HWPCI ddedikat tmien laqgħat⁵ għad-diskussjonijiet dwar il-proposta u dwar diversi testi ta' kompromess konsekuttivi.
7. Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Presidenza talbet opinjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill (CSC) dwar l-aspetti tal-proposta relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni u b'mod partikolari l-informazzjoni klassifikata. Is-CSC ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2022⁶. Kif issuġġerit mis-CSC, l-Informazzjoni Klassifikata tal-UE ġiet espliċitament eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-eżenzjonijiet mill-obbligi ta' kondiviżjoni u ta' rappurtar relatati mal-informazzjoni riċevuta minn barra l-entitajiet tal-Unjoni ġew modifikati skont dan.
8. Fit-28 ta' Ottubru 2022 l-HWPCI laħaq qbil dwar il-kompromess tal-Presidenza kif jinsab fl-Anness.

⁴ 9719/22.

⁵ is-6 u l-20 ta' Lulju, it-13, il-21 u t-28 ta' Settembru, il-5, id-19 u t-28 ta' Ottubru 2022.

⁶ 12603/22 + COR 1.

KWISTJONIJIET EWLENIN

9. L-Istati Membri laqgħu l-proposta bħala f'waqtha u komplementari għad-Direttiva futura dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (id-Direttiva "NIS 2") u appoġġaw l-oġġettivi ġenerali tagħha. Madankollu, l-Istati Membri appellaw għal aktar allinjamenti man-"NIS 2", aktar reċiproċità fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-entitajiet tal-Unjoni u l-Istati Membri, u indikaw in-natura eċċessivament volontarja ta' wħud mill-miżuri proposti. L-Istati Membri esprimew ukoll il-preferenza tagħhom għat-tħassir tar-referenzi għaċ-Ċiberunità Konġunta, li l-mandat u l-kompożizzjoni tagħha għadhom mhux definiti.
10. Abbażi tad-diskussjonijiet fl-HWPCI, il-punti li ġejjin ġew identifikati bħala l-kwistjonijiet politiċi prinċipali:

a) Allinjament mad-Direttiva "NIS 2" futura

Kif mitlub mill-Istati Membri, saru aktar allinjamenti mad-Direttiva "NIS 2" futura, fost l-oħrajn:

- għadd ta' definizzjonijiet (l-Artikolu 3) ġew allinjati ma' dawk fin-"NIS 2";
- iddaħħal Artikolu 7a ġdid dwar ir-rieżamijiet volontarji bejn il-pari, f'konformità mal-"NIS 2", kif adattat għall-ħtiġijiet tal-entitajiet tal-Unjoni;
- l-obbligi ta' rappurtar fl-Artikolu 20 ġew allinjati ma' dawk fin-"NIS 2".

b) Kompożizzjoni tal-Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà (IICB) (l-Artikolu 9)

Wara diskussjonijiet dwar l-involvement adatt tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-ħidma tal-IICB, intlaħaq kompromess permezz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill għall-minuti.

c) Awtonomija istituzzjonali

Instab approċċ bilanċjat bejn ir-rieda tal-Istati Membri li jsaħħu l-mekkaniżmi ta' konformità u l-hteġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-awditjar u l-miżuri dixxiplinari (l-Artikolu 11).

Fl-aħħar nett, ir-referenza għal perċentwal partikolari tal-baġit tal-IT iddedikat għaċ-ċibersigurtà tneħħiet mill-premessa 8.

KONKLUŻJONI

11. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex:

- (a) japprova t-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness, li mbagħad ser jifforma l-mandat għan-negozjati mal-Parlament Ewropew;
- (b) jistieden lill-Kunsill japprova t-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness fis-sessjoni tiegħu tat-18 ta' Novembru 2022, u jdaħħal fil-minuti d-dikjarazzjoni tal-Kunsill li tinsab fl-addendum għal dan id-dokument.

2022/0085 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 298 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fl-era diġitali, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni hija pedament f'amministrazzjoni tal-Unjoni miftuħa, effiċjenti u indipendenti. It-teknoloġija li qiegħda tevolvi u ż-żieda fil-kumplessità u fl-interkonnnettività tas-sistemi diġitali jimplifikaw ir-riskji taċ-ċibersigurtà li jagħmlu l-amministrazzjoni tal-Unjoni aktar vulnerabbli għat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi, li fl-aħħar mill-aħħar toħloq theddid għall-kontinwità tan-negozju u għall-kapaċità tal-amministrazzjoni li żżomm id-data sigura. Filwaqt li l-użu akbar tas-servizzi tal-cloud, l-użu kullimkien tal-IT, id-diġitalizzazzjoni għolja, ix-xogħol mill-bogħod u t-teknoloġija u l-konnnettività li qegħdin jevolvu llum huma karatteristiċi ewlenin tal-attivitajiet kollha tal-entitajiet amministrattivi tal-Unjoni, ir-reżiljenza diġitali għadha ma hijiex inkorporata biżżejjed.
- (2) Ix-xenarju tat-theddid ċibernetiku li qegħdin jiffaċċjaw **l-entitajiet** [...] tal-Unjoni jinsab f'evoluzzjoni kostanti. It-tattiċi, it-tekniki u l-proċeduri użati mill-awturi ta' theddid qed jevolvu b'mod kostanti, mentri l-motivi prominenti għal attakki bħal dawn fit-tinbidlu; mis-serq ta' informazzjoni mhux żvelata ta' valur, sal-akkwist ta' flus, sal-manipulazzjoni tal-opinjoni pubblika jew li tkun imminata l-infrastruttura diġitali. Il-pass li bih iwettqu l-attakki ċibernetiċi tagħhom qiegħed ikompli jiżdied, filwaqt li l-kampanji tagħhom huma dejjem aktar sofistikati u awtomatizzati, u jimmiraw lejn uċuħ ta' attakk esposti li jkomplu jespandu u jisfruttaw malajr il-vulnerabbiltajiet.

- (3) L-ambjenti tal-IT tal-**entitajiet** [...] tal-Unjoni għandhom interdipendenzi, flussi integrati tad-data u l-utenti tagħhom jikkollaboraw mill-qrib. Din l-interkonnessjoni tfisser li kwalunkwe tfixkil, anke meta inizjalment ikun limitat għal **entità** [...] waħda tal-Unjoni, jista' jkollu effetti kaskata b'mod aktar wiesa', li potenzjalment jirriżulta f'impatti negattivi estensivi u fit-tul fuq l-oħrajn. Minbarra dan, ċerti ambjenti tal-IT tal-**entitajiet tal-Unjoni** [...] huma konnessi mal-ambjenti tal-IT tal-Istati Membri, li jfisser li inċident f'entità waħda tal-Unjoni jgħaliq riskju għaċ-ċibersigurtà tal-ambjenti tal-IT tal-Istati Membri u viċi versa. **Barra minn hekk, l-entitajiet tal-Unjoni jittrattaw ammonti kbar ta' informazzjoni ta' spiss sensittiva mill-Istati Membri, u għalhekk l-inċidenti jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv anke lill-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, iċ-ċibersigurtà tal-entitajiet tal-Unjoni hija ta' importanza kbira anke għall-Istati Membri. Informazzjoni dwar inċidenti speċifiċi tista' wkoll tiffaċilita d-detezzjoni ta' theddid ċibernetiku jew inċidenti ċibernetiċi simili li jaffettwaw lill-Istati Membri.**
- (4) L-**entitajiet** [...] tal-Unjoni huma miri attraenti li jiffaċċjaw awturi ta' theddid b'ħiliet għolja u b'riżorsi tajbin kif ukoll theddid ieħor. Fl-istess ħin, il-livell u l-maturità tar-reżiljenza ċibernetika u l-kapaċità ta' detezzjoni u ta' rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi jvarjaw b'mod sinifikanti fost dawn l-entitajiet. Għaldaqstant, għall-funzjonament tal-amministrazzjoni Ewropea jeħtieġ li l-**entitajiet** [...] tal-Unjoni jiksibu livell għoli komuni ta' ċibersigurtà permezz **tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ċibersigurtà**, [...] l-iskambju ta' informazzjoni u l-kollaborazzjoni.

- (5) Id-Direttiva [il-proposta NIS 2] dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni għandha l-għan li ttejjeb aktar ir-reżiljenza ta' ċibersigurtà u l-kapaċitajiet ta' rispons għall-inċidenti tal-entitajiet pubbliċi u privati, tal-awtoritajiet u tal-korpi kompetenti nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni kollha. Għalhekk jeħtieġ li l-**entitajiet** [...] tal-Unjoni jagħmlu l-istess billi jiżguraw regoli li jkunu konsistenti mad-Direttiva [il-proposta NIS 2] u jirriflettu l-livell ta' ambizzjoni tagħha.
- (6) Sabiex jintlaħaq livell għoli komuni ta' ċibersigurtà, jeħtieġ li kull **entità**[...] tal-Unjoni tistabbilixxi qafas intern ta' ġestjoni, governanza u kontroll tar-riskju ta' ċibersigurtà li jiżgura ġestjoni effettiva u prudenti tar-riskji kollha ta' ċibersigurtà [...]. **Jenħtieġ li l-qafas jistabbilixxi politiki ta' ċibersigurtà, inkluż proċeduri biex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri ta' ċibersigurtà implimentati. Jenħtieġ li l-qafas ikun ibbażat fuq approċċ li jkopri l-perikli kollha, li għandu l-għan li jipproteġi n-networks u s-sistemi tal-informazzjoni u l-ambjent fiżiku ta' dawk is-sistemi minn avvenimenti bħal serq, nirien, għargħar, qtugħ tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni jew tad-dawl, jew aċċess fiżiku mhux awtorizzat u ħsara lil, u interferenza mal-faċilitajiet ta' informazzjoni u ta' pproċessar tal-informazzjoni tal-entità tal-Unjoni, li jistgħu jikkompromettu d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità jew il-kunfidenzjalità tad-data maħżuna, trażmessa, ipproċessata jew aċċessibbli permezz tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni. Jenħtieġ li l-qafas jirrifletti s-sejbiet tal-analiżi tar-riskju, filwaqt li jqis ir-riskji tekniċi, operazzjonali u organizzattivi rilevanti kollha għaċ-ċibersigurtà tal-entità kkonċernata tal-Unjoni.**
- (6a) **Biex timmaniġġja r-riskji identifikati skont il-qafas, jenħtieġ li kull entità tal-Unjoni tiżgura li jittieħdu miżuri tekniċi, operazzjonali u organizzattivi xierqa u proporzjonati. Jenħtieġ li dawn jindirizzaw l-oqsma, inkluż il-miżuri ta' ċibersigurtà stabbiliti f'dan ir-Regolament biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà ta' kull entità tal-Unjoni.**

- (6b) **Jenħtieġ li l-assi u r-riskji identifikati fil-qafas kif ukoll il-konklużjonijiet derivati minn valutazzjonijiet regolari tal-maturità jiġu riflessi fil-pjan taċ-ċibersigurtà stabbilit minn kull entità tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-pjan taċ-ċibersigurtà jinkludi l-miżuri ta' ċibersigurtà adottati, bl-għan li tizzied iċ-ċibersigurtà ġenerali tal-entità tal-Unjoni kkonċernata.**
- (6c) **Peress li l-iżgurar taċ-ċibersigurtà huwa proċess kontinwu, jenħtieġ li l-adeqwatezza u l-effettività tal-miżuri kollha jiġu riveduti regolarment fid-dawl tar-riskji, l-assi u l-maturità dejjem jinbidlu tal-entitajiet tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-qafas jiġi rieżaminat fuq bażi regolari u mill-inqas kull tliet snin, filwaqt li jenħtieġ li l-pjan taċ-ċibersigurtà jiġi rivedut mill-inqas kull sentejn jew wara kull valutazzjoni tal-maturità jew kull rieżami tal-qafas.**
- (6d) **Jenħtieġ li l-entitajiet tal-Unjoni jiskambjaw informazzjoni rilevanti fuq bażi regolari, inkluż fir-rigward ta' inċidenti u theddid ċibernetiku rilevanti, filwaqt li jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni xierqa tal-informazzjoni pprovduta mill-entità tal-Unjoni li tkun qed tirrapporta.**
- (6e) **Jenħtieġ li jiġi implimentat mekkaniżmu li jiżgura skambju effettiv ta' informazzjoni, koordinazzjoni u kooperazzjoni tal-entitajiet tal-Unjoni f'każ ta' inċidenti kbar, inkluż identifikazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-entitajiet tal-Unjoni involuti. Jenħtieġ li l-informazzjoni skambjata titqies mill-punt ta' kuntatt iddeżinjat għall-EU-CyCLONe, meta tiġi kondiviża informazzjoni rilevanti mal-EU-CyCLONe bħala kontribut għall-għarfien kondiviż tas-sitwazzjoni.**

- (7) Id-differenzi bejn l-**entitajiet** [...] tal-Unjoni jirrikjedu flessibbiltà fl-implimentazzjoni, peress li soluzzjoni waħda ma tkunx ideali għal kollha. Jenħtieġ li l-miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà ma jinkludux xi obbligu li jinterferixxi direttament fl-eżerċizzju tal-missjonijiet tal-**entitajiet** [...] tal-Unjoni jew li jindaħal fl-awtonomija istituzzjonali tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li daww l-**entitajiet tal-Unjoni** [...] jistabbilixxu l-oqfsa tagħhom għall-ġestjoni, għall-governanza u għall-kontroll tar-riskji fil-qasam ta' ċibersigurtà u l-**pjanijiet ta' ċibersigurtà**, u jadottaw [...] **miżuri** ta' ċibersigurtà [...]. **Meta jiġu implimentati tali miżuri, jenħtieġ li jitqiesu debitament is-sinerġiji li jeżistu bejn l-entitajiet tal-Unjoni, bl-għan ta' ġestjoni xierqa tar-riżorsi u ottimizzazzjoni tal-kostijiet. Jenħtieġ li jitqies ukoll li l-miżuri ma jaffettwawx b'mod negattiv l-effiċjenza tal-operazzjonijiet u l-iskambju ta' informazzjoni tal-entitajiet tal-Unjoni ma' entitajiet oħra tal-Unjoni u ma' awtoritajiet nazzjonali kompetenti.**
- (8) Sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piż finanzjarju u amministrattiv sproporzjonat fuq l-**entitajiet** [...] tal-Unjoni, ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskji ta' ċibersigurtà jenħtieġ li jkunu proporzjonati għar-riskju ppreżentat min-network u s-sistema ta' informazzjoni kkonċernata, filwaqt li jiġi kkunsidrat l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ta' dawn il-miżuri. Jenħtieġ li kull **entità** tal-Unjoni [...] timmira li talloka perċentwal adegwat tal-baġit tal-IT tagħha biex ittejjeb il-livell tagħha ta' ċibersigurtà [...]. **Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-maturità tivvaluta wkoll jekk l-infiq tal-entità tal-Unjoni għa' ċibersigurtà huwiex proporzjonat mar-riskji li tiffaċċa.**

- (9) Livell għoli komuni ta' ċibersigurtà jirrikjedi li ċ-ċibersigurtà tiġi sorveljata fl-ogħla livell ta' maniġment ta' kull **entità** [...] tal-Unjoni. [...] **Jenħtieġ li l-ogħla livell ta' maniġment jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-istabbiliment tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, il-governanza u l-kontroll u l-pjanijiet taċ-ċibersigurtà, li jinkludu miżuri ta' ċibersigurtà.** Parti integrali minn **qafas** [...] taċ-ċibersigurtà fl-**entitajiet** [...] kollha tal-Unjoni hija li tiġi indirizzata l-kultura taċ-ċibersigurtà, jiġifieri l-prattika ta' kuljum taċ-ċibersigurtà.
- (10) [...] [...] Jenħtieġ li l-miżuri **ta' ċibersigurtà** jiffurmaw parti mill-**pjan** taċ-ċibersigurtà u jiġu speċifikati aktar fid-dokumenti ta' gwida jew fir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mis-CERT-UE. Meta jiġu definiti l-miżuri u l-linji gwida, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq **il-livell teknoloġiku u, fejn applikabbli, l-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti, kif ukoll** il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE, inkluż il-valutazzjonijiet tar-riskju u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, bħall-valutazzjoni tar-riskju kkoordinata tal-UE u s-sett ta' għodod tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G. Barra minn hekk, tista' tkun meħtieġa ċertifikazzjoni ta' prodotti, servizzi u proċessi tal-ICT rilevanti, fil-qafas ta' skemi speċifiċi tal-UE taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà adottati skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2019/881. **Fejn xieraq, jenħtieġ li s-CERT-UE tikkoopera mal-ENISA.**

- (11) F'Mejju 2011, is-Segretarji Ġenerali tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ddeċidew li jistabbilixxu skwadra ta' prekonfigurazzjoni għal skwadra ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni (CERT-UE) sorveljata minn Bord ta' Tmexxija interistituzzjonali. F'Lulju 2012, is-Segretarji Ġenerali kkonfermaw l-arranġamenti prattiċi u qablu li s-CERT-UE tinżamm bħala entità permanenti biex tkompli tgħin fit-titjib tal-livell ġenerali tas-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji tal-Unjoni bħala eżempju ta' kooperazzjoni interistituzzjonali viżibbli fiċ-ċibersigurtà. F'Settembru 2012, CERT-UE ġiet stabbilita bħala Task Force tal-Kummissjoni Ewropea b'mandat interistituzzjonali. F'Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonkludew arranġament interistituzzjonali dwar l-organizzazzjoni u l-operat tas-CERT-UE⁷. Jenħtieġ li [...] dan [...]
- ir-Regolament jipprovdi sett komprensiv ta' regoli dwar l-organizzazzjoni, il-funzjonament u l-operat tas-CERT-UE. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom prevalenza fuq id-dispożizzjonijiet tal-arranġament interistituzzjonali dwar l-organizzazzjoni u l-operat tas-CERT-UE li ġie konkluż f'Diċembru 2017.**

[...]

ĠU C 12, 13.1.2018, p. 1-11.

- (13) Bosta attacki ċibernetiċi huma parti minn kampanji aktar estensivi li jimmiraw fuq gruppi ta' **entitajiet** [...] tal-Unjoni jew komunitajiet ta' interess li jinkludu **entitajiet** [...] tal-Unjoni. Sabiex tkun possibbli d-detezzjoni proattiva, ir-rispons għal inċidenti jew miżuri ta' mitigazzjoni, jenħtieġ li l-**entitajiet** [...] tal-Unjoni jinnotifikaw lis-CERT-UE dwar [...] theddid ċibernetiku, [...] vulnerabbiltajiet [...], **kważi aċċidenti u** inċidenti [...] u jaqsmu d-dettalji tekniċi xierqa li jippermettu d-detezzjoni jew il-mitigazzjoni ta' theddid ċibernetiku, **vulnerabbiltajiet, kważi aċċidenti u** inċidenti simili f'**entitajiet** [...] oħra tal-Unjoni, kif ukoll ir-rispons għalihom. Fuq il-bażi tal-istess approċċ bħal dak previst fid-Direttiva [il-proposta NIS 2], jekk l-entitajiet **tal-Unjoni** jsiru jafu b'inċident sinifikanti, jenħtieġ li dawn ikunu meħtieġa jippreżentaw [...] **twissija bikrija** lis-CERT-UE fi żmien 24 siegħa. Jenħtieġ li dan l-iskambju ta' informazzjoni jippermetti lis-CERT-UE taqsam l-informazzjoni ma' **entitajiet** [...] oħra tal-Unjoni, kif ukoll mal-kontropartijiet xierqa, biex l-ambjenti tal-IT tal-Unjoni u l-ambjenti tal-IT tal-kontropartijiet ikunu protetti kontra inċidenti [...] simili.

- (13a) Dan ir-Regolament jistabbilixxi approċċ f'diversi stadji għar-rapportar ta' inċidenti sinifikanti biex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn, minn naħa, ir-rapportar rapidu li jgħin biex itaffi l-firxa potenzjali ta' inċidenti sinifikanti u jippermetti lill-entitajiet tal-Unjoni jfittxu assistenza, u, min-naħa l-oħra, ir-rapportar approfondit li jislet tagħlimiet siewja minn inċidenti individwali u li maż-żmien itejjeb ir-reżiljenza għat-theddid ċibernetiku tal-entitajiet individwali tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi r-rapportar ta' inċidenti li, abbażi ta' valutazzjoni inizjali mwettqa mill-entità tal-Unjoni, jistgħu jikkawżaw tfixkil operazzjonali serju għall-funzjonament tal-entità tal-Unjoni jew telf finanzjarju għall-entità tal-Unjoni kkonċernata jew jaffettwaw persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra billi jikkawżaw dannu materjali jew mhux materjali konsiderevoli. Jenħtieġ li tali valutazzjoni inizjali tqis, fost l-oħrajn, in-network u s-sistemi tal-informazzjoni affettwati, b'mod partikolari l-importanza tagħhom għall-funzjonament tal-entità tal-Unjoni, is-severità u l-karatteristiċi tekniċi ta' theddida ċibernetika u kwalunkwe vulnerabbiltà sottostanti li qed tiġi sfruttata kif ukoll l-esperjenza tal-entità tal-Unjoni b'inċidenti simili. Indikaturi bħal kemm jiġi affettwat il-funzjonament tal-entità tal-Unjoni, id-durata ta' inċident jew l-għadd ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi affettwati jista' jkollhom rwol importanti fl-identifikazzjoni ta' jekk it-tfixkil operazzjonali huwiex serju.
- (13b) Peress li l-infrastruttura u n-networks tal-entità rilevanti tal-Unjoni u tal-Istat Membru fejn tinsab dik l-entità tal-Unjoni huma interkonnessi, huwa kruċjali li dak l-Istat Membru jiġi infurmat mingħajr dewmien żejjed dwar inċident sinifikanti fi ħdan dik l-entità tal-Unjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-entità tal-Unjoni affettwata tinnotifika lill-kontroparti nazzjonali tas-CERT-UE, ddeżinjata mill-Istat Membru skont id-Direttiva [proposta NIS 2], fl-istess żmien li fiha jenħtieġ li tirrapporta inċident sinifikanti lis-CERT-UE. Jenħtieġ li s-CERT-UE tinnotifika wkoll lil din il-kontroparti nazzjonali meta ssir taf b'inċident sinifikanti fl-Istat Membru, sakemm ma jkunx diġà rrapportat mill-entità tal-Unjoni affettwata.

- (14) Minbarra li s-CERT-UE tingħata aktar kompiti u rwol estiż, jenħtieġ li jiġi stabbilit Bord Interistituzzjonali ta' Ċibersigurtà (IICB), li, **sabiex jiffaċilita livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fost l-entitajiet tal-Unjoni**, jenħtieġ li rwol esklużiv [...] [...] **fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-entitajiet tal-Unjoni u fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u l-oġettivi ġenerali mis-CERT-UE u fl-għoti ta' direzzjoni strateġika lis-CERT-UE**. Jenħtieġ **għaldaqstant** li l-IICB jiżgura r-rappreżentanza tal-istituzzjonijiet u jinkludi rappreżentanti ta' aġenziji u korpi permezz tan-
Network tal-Aġenziji tal-Unjoni. **Jenħtieġ li l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-IICB jiġu rregolati ulterjorment mir-regoli interni ta' proċedura tiegħu li jistgħu jinkludu speċifikazzjoni ulterjuri ta' laqgħat regolari tal-IICB, inkluż laqgħat annwali tal-livell politiku fejn rappreżentanti tal-ogħla livell ta' maniġment ta' kull membru tal-IICB jippermettu li l-IICB ikollu diskussjoni strateġika u jipprovdi gwida strateġika tal-IICB**. Barra minn hekk, l-IICB jista' jistabbilixxi Kumitat Eżekuttiv biex jassisti fil-ħidma tiegħu u biex jiddelega xi wħud mill-kompiti u s-setgħat tiegħu, speċjalment f'termini ta' kompiti li jeħtieġu [...] għarfien espert speċifiku tal-membri tiegħu, pereżempju l-approvazzjoni tal-katalogu tas-servizzi u kwalunkwe aġġornament sussegwenti għalih, modalitajiet għal ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, valutazzjonijiet ta' dokumenti u rapporti ppreżentati mill-entitajiet tal-Unjoni lill-IICB skont dan ir-Regolament jew kompiti relatati mat-tħejjija ta' deċiżjonijiet dwar miżuri ta' konformità maħruġa mill-IICB u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-IICB jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Eżekuttiv, inkluż il-kompiti u s-setgħat tiegħu.

- (15) Jenħtieġ li s-CERT-UE tappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà permezz ta' proposti għal dokumenti ta' gwida u rakkomandazzjonijiet lill-IICB jew billi toħroġ sejħiet għal azzjoni. Jenħtieġ li dawn id-dokumenti ta' gwida u rakkomandazzjonijiet jiġu approvati mill-IICB. Meta jkun hemm bżonn, jenħtieġ li s-CERT-UE toħroġ sejħiet għal azzjoni fejn tiddekrivi miżuri ta' sigurtà urġenti li [...] **l-entitajiet** tal-Unjoni huma mħeġġa jieħdu f'perjodu ta' żmien stabbilit. **L-IICB jista' jagħti struzzjonijiet lis-CERT-UE biex toħroġ, tirtira jew timmodifika proposta għal dokumenti ta' gwida jew rakkomandazzjonijiet, jew sejħa għal azzjoni.**
- (16) Jenħtieġ li l-IICB jimmonitorja l-konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll is-segwitu tad-dokumenti ta' gwida u tar-rakkomandazzjonijiet u tas-sejħiet għal azzjoni [...]. Fi kwistjonijiet tekniċi, jenħtieġ li l-IICB jingħata għajnuna minn gruppi konsultattivi tekniċi li jkunu magħmula kif jidhirlu l-IICB, u li jenħtieġ li jaħdmu mill-qrib mas-CERT-UE, [...] **mal-entitajiet** tal-Unjoni u mal-partijiet ikkonċernati l-oħra kif meħtieġ. [...] **Fejn l-IICB jikkonstata li l-entitajiet tal-Unjoni ma applikawx jew ma implimentawx dan ir-Regolament, inkluż id-dokumenti ta' gwida, ir-rakkomandazzjonijiet u s-sejħiet għal azzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament, hu jista', mingħajr preġudizzju għall-proċeduri interni tal-entità rilevanti tal-Unjoni, jipproċedi b'miżuri ta' konformità. Jenħtieġ li s-sistema ta' miżuri ta' konformità tintuża b'severità progressiva, jiġifieri, meta l-IICB jadotta l-miżuri ta' konformità, jenħtieġ li jibda bi twissija bħala l-inqas miżura severa u, jekk ikun meħtieġ, jeskala lejn l-aktar miżura severa billi joħroġ avviż ji tirrakkomanda sospensjoni temporanja tal-flussi ta' data lill-entità tal-Unjoni kkonċernata, li tiġi applikata f'każijiet eċċezzjonali ta' nuqqas ta' konformità fit-tul, intenzjonat u/jew serju tal-entità kkonċernata mal-obbligu tagħha skont dan ir-Regolament.**

- (16a) It-twissija tirrappreżenta l-inqas miżura ta' konformità severa li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati tal-entità tal-Unjoni u tinkludi rakkomandazzjonijiet biex jiġu emendati d-dokumenti taċ-ċibersigurtà tagħha, f'perjodu ta' żmien speċifikat. Jenħtieġ li t-twissija tkun disponibbli għall-entitajiet kollha tal-Unjoni, sakemm ma tkunx ristretta kif xieraq f'konformità ma' dan ir-Regolament.
- (16b) L-IICB jista' jirrakkomanda wkoll li jitwettaq awditu tal-entità tal-Unjoni. L-entità tal-Unjoni tista' tuża l-funzjoni tal-awditu intern tagħha għal dan il-fini. L-IICB jista' jitlob ukoll li jsir awditu minn servizz ta' awditjar ta' parti terza, inkluż minn fornitur ta' servizzi tas-settur privat miftiehem b'mod reċiproku.
- (16c) Abbażi tar-riżultati ta' awditu mwettaq fuq rakkomandazzjoni jew talba tal-IICB, l-IICB jista' jitlob ukoll lill-entità tal-Unjoni biex iġġib il-ġestjoni, il-governanza u l-kontroll tar-riskji taċ-ċibersigurtà f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (16d) Billi l-Istati Membri jikkondividu mal-entitajiet rilevanti tal-Unjoni informazzjoni li tista' tkun ta' natura sensittiva, iċ-ċibersigurtà tad-destinatarju ta' tali informazzjoni hija kruċjali għall-Istati Membri. Għalhekk, f'każijiet eċċezzjonali ta' nuqqas ta' twettiq fit-tul, intenzjonat, ripetittiv u/jew serju tal-obbligu tal-entità tal-Unjoni, l-IICB jista' joħroġ avviż, bħala miżura tal-aħħar istanza, lill-Istati Membri u lill-entitajiet tal-Unjoni kollha, fejn jirrakkomanda sospensjoni temporanja tal-flussi ta' data lill-entità tal-Unjoni, u li jenħtieġ li jkun fis-seħħ sakemm l-istat taċ-ċibersigurtà ta' din l-entità jiġi rettifikat. Jenħtieġ li dan l-avviż jiġi kkomunikat lill-Istati Membri u lill-entitajiet tal-Unjoni kollha permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri xierqa.

- (16e) **Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li, jekk l-IICB iqis li ksur kontinwu ta' dan ir-Regolament minn entità tal-Unjoni jkun ġie kkawżat direttament mill-azzjonijiet jew l-ommissjoni ta' membru tal-persunal tagħha, inkluż fl-ogħla livell tal-maniġment, jenħtieġ li huwa jitlob lill-entità tal-Unjoni kkonċernata biex tieħu azzjonijiet xierqa kontra dak il-membru tal-persunal, skont ir-Regolamenti tal-Persunal u regoli ekwivalenti oħra applikabbli f'ċerti entitajiet tal-Unjoni. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, proċedimenti dixxiplinari u, fejn xieraq, fil-każ speċifiku tal-aġenziji tal-Unjoni, talba lill-awtorità kompetenti biex tieħu l-passi meħtieġa relatati mat-tneħħija possibbli mill-kariga tal-persuna li tista' tkun responsabbli għall-ksur kontinwu ta' dan ir-Regolament.**
- (17) **Jenħtieġ li s-CERT-UE jkollha l-missjoni li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ambjent tal-IT [...]tal-entitajiet kollha tal-Unjoni. Meta tkun qed tqis jekk tipprovdi parir tekniku jew input dwar kwistjonijiet ta' politika rilevanti fuq talba ta' entità tal-Unjoni, jenħtieġ li s-CERT-UE tiżgura li dan ma jfixkilx it-twettiq tal-kompiti l-oħra tagħha stabbiliti f'dan ir-Regolament.**
- (17a) **Jenħtieġ li s-CERT-UE taġixxi bħala l-ekwivalenti tal-koordinatur deżinjat għall-entitajiet[...] tal-Unjoni, għall-fini tad-divulgazzjoni koordinata tal-vulnerabbiltajiet lir-reġistru Ewropew tal-vulnerabbiltajiet kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2] u tiżviluppa politika ta' ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet, li tinkludi l-promozzjoni u l-faċilitazzjoni ta' divulgazzjoni koordinata tal-vulnerabbiltajiet.**

[...]

- (19) Jenħtieġ li s-CERT-UE taqdi wkoll ir-rwol previst għaliha fid-Direttiva [il-proposta NIS 2] dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni man-network ta' skwadri ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRTs). Barra minn hekk, b'mod konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584⁸, jenħtieġ li s-CERT-UE tikkoopera u tikkoordina dwar ir-rispons mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Sabiex tikkontribwixxi għal livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni kollha, is-CERT-UE jenħtieġ li taqsam informazzjoni speċifika għall-inċidenti mal-kontropartijiet nazzjonali. Jenħtieġ li s-CERT-UE tikkollabora wkoll ma' kontropartijiet pubbliċi kif ukoll privati oħrajn, inkluż fin-NATO, soġġett għal approvazzjoni minn qabel mill-IICB.

⁸ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1584 tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 36).

- (20) Waqt li tappoġġa ċ-ċibersigurtà operazzjonali, jenħtieġ li s-CERT-UE tuża l-għarfien espert disponibbli tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (**ENISA**) permezz ta' kooperazzjoni strutturata kif previst fir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Fejn ikun xieraq, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti dedikati bejn iż-żewġ entitajiet sabiex tiġi ddefinita l-implimentazzjoni Prattika ta' kooperazzjoni bħal din u sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet. Jenħtieġ li s-CERT-UE tikkooopera mal-[...]ENISA dwar l-analiżi tat-theddid u taqsam ir-rapport tagħha dwar ix-xenarju tat-theddid mal-Aġenzija fuq bażi regolari.

[...] ¹⁰

- (22) **L-attivitajiet u t-trattament tal-informazzjoni tas-CERT-UE skont dan ir-Regolament jistgħu jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali.** Jenħtieġ li d-data personali kollha li tiġi pproċessata fil-qafas ta' dan ir-Regolament tiġi pproċessata f'konformità mal-leġislazzjoni tal-protezzjoni tad-data, inkluż ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹. **Fejn, skont dan ir-Regolament, id-data personali tiġi trażmessa lil riċevituri stabbiliti fl-Unjoni li mhumiex entitajiet tal-Unjoni, dan jenħtieġ li jsir f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1725.**

⁹ Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

¹⁰ [...]

¹¹ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (23) Jenħtieġ li t-trattament tal-informazzjoni mis-CERT-UE u mill-**entitajiet** [...] tal-Unjoni jkun konformi mar-regoli **applikabbli** [...] dwar is-sigurtà tal-informazzjoni[...] [...] .
- (23a) **Għall-finijiet tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni, jintużaw marki viżibbli biex jindikaw li l-konfini tal-kondiviżjoni għandhom jiġu applikati mir-riċevituri tal-informazzjoni abbażi ta', b'mod partikolari, ftehimiet ta' nondivulgazzjoni, jew ftehimiet informali ta' nondivulgazzjoni bħall-protokoll dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni jew indikazzjonijiet ċari oħra mis-sors. Il-protokoll dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni għandu jinftehem bħala mezz biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwalunkwe limitazzjoni fir-rigward tat-tixrid ulterjuri tal-informazzjoni. Dan jintuża fi kważi l-iskwadri kollha ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRTs) u f'xi ċentri ta' analiżi u kondiviżjoni tal-informazzjoni.**
- (24) **Dan ir-Regolament u l-kompiti l-ġodda allokat li-CERT-UE mhux ser ikollhom effett fuq l-infiq totali taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Peress li s-servizzi u l-kompiti tas-CERT-UE huma fl-interess tal-entitajiet [...] kollha tal-Unjoni, jenħtieġ li kull entità [...] tal-Unjoni b'nefqa tal-IT, tikkontribwixxi sehem ġust għal dawk is-servizzi u l-kompiti. Dawk il-kontribuzzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-awtonomija baġitarja tal-entitajiet [...] tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-entitajiet kollha tal-Unjoni u l-amministrazzjonijiet tagħhom jiżguraw l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tagħhom fil-livell attwali u jsaħħu l-kisbiet fl-effiċjenza inkluż billi japprofondixxu l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Għalhekk jenħtieġ li approċċ konġunt għall-akkomunament tan-nefqa amministrattiva jingħata preferenza fuq infiq individwalizzat tal-entitajiet tal-Unjoni.**

- (25) Jenħtieġ li l-IICB, bl-għajnuna tas-CERT-UE, jirrieżamina u jevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-Kummissjoni. Fuq il-bażi ta' dan l-input, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. **Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija mistiedna tevalwa l-funzjonament tas-CERT-UE fuq bażi regolari.**

Kapitolu I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi **miżuri li għandhom l-għan li jiksbu livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-entitajiet tal-Unjoni [...]**
2. **Għal dak il-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi:**
 - (c) obbligi fuq **kull [...]** entità tal-Unjoni li tistabbilixxi [...] qafas ta' ġestjoni, governanza u kontroll tar-riskji taċ-ċibersigurtà;
 - (d) obbligi ta' ġestjoni[...], rapportar **u kondiviżjoni ta' informazzjoni** tar-riskji taċ-ċibersigurtà għall-**entitajiet** [...] tal-Unjoni;
 - (e) regoli dwar l-organizzazzjoni, **il-funzjonament** u l-operat [...] tal-iskwadra **interistituzzjonali awtonoma ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters għall-entitajiet** [...] tal-Unjoni (CERT-UE) u dwar l-organizzazzjoni, **il-funzjonament** u l-operat tal-Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà (**IICB**);
 - (f) **regoli relatati mal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika [...] għall-[...] **entitajiet** kollha tal-Unjoni u [...] [...] għas-CERT-UE u l-IICB [...].
2. **Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għall-awtonomija istituzzjonali skont it-Trattati.**
3. **Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 12(7), dan ir-Regolament ma għandux japplika għal network u sistemi ta' informazzjoni li jittrattaw Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE).**

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "**entitajiet**[...] tal-Unjoni" tfisser l-istituzzjonijiet, il-korpi, **l-uffiċċji** u l-aġenziji tal-Unjoni stabbiliti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, jew fuq il-bażi tagħhom;
- (2) "network u sistema ta' informazzjoni" tfisser network u sistema ta' informazzjoni [...] **kif definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2];**
- (3) "sigurtà tan-network u tas-sistemi ta' informazzjoni" tfisser is-sigurtà tan-network u tas-sistemi ta' informazzjoni [...] **kif definita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2];**
- (4) "ċibersigurtà" tfisser ċibersigurtà [...] **kif definita fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2019/881;**

- (5) "l-ogħla livell ta' maniġment" tfisser maniġer, maniġment jew korp ta' koordinazzjoni u sorveljanza fl-aktar livell amministrattiv għoli **b'kapaċitajiet li jieħu deċiżjonijiet**, b'kont meħud tal-arranġamenti ta' governanza ta' livell għoli f'kull **entità**[...] tal-Unjoni;
- (5a) **"kważi aċċident" tfisser kważi aċċident kif definit fl-Artikolu 4(4a) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2];**
- (6) "inċident" tfisser inċident [...] **kif definit fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2];**
[...]
- (8) "inċident kbir [...]" tfisser inċident **li jikkawża livell ta' tfixkil li jeċċedi l-kapaċità ta' entità tal-Unjoni u tas-CERT-UE li jirrispondu għalih jew li jkollu impatt sinifikanti fuq mill-inqas żewġ entitajiet tal-Unjoni; [...]**
- (9) "indirizzar ta' inċident" tfisser indirizzar ta' inċident [...] **kif definita fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2];**
- (10) "theddida ċibernetika" tfisser theddida ċibernetika [...] **kif definita fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) 2019/881;**
[...]
- (12) "vulnerabbiltà" tfisser vulnerabbiltà skont it-tifsira tal-Artikolu 4(8) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2];

[...]

- (14) "[...] riskju" tfisser **riskju skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7b) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2]** [...];

[...]

[...]

Artikolu 3a

Proċessar ta' data personali

- 1) L-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament mis-CERT-UE, l-IICB jew l-entitajiet tal-Unjoni għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.
- 2) Is-CERT-UE, l-IICB u l-entitajiet tal-Unjoni għandhom jipproċessaw u jiskambjaw data personali sa fejn ikun meħtieġ u unikament għall-fini li jwettqu l-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Kapitolu II

MIŻURI GĦAL LIVELL KOMUNI GĦOLI TA' ĊIBERSIGURTÀ

Artikolu 4

Qafas tal-ġestjoni, il-governanza u l-kontroll tar-riskji

1. Kull [...] **entità** tal-Unjoni għandha tistabbilixxi [...] l-qafas intern tagħha għall-ġestjoni, il-governanza u l-kontroll tar-riskji ("il-qafas") b'appoġġ għall-missjoni tal-entità [...]. [...] **Il-qafas** għandu jkun issorveljat mill-ogħla livell ta' manġment biex tiġi żgurata ġestjoni effettiva u prudenti tar-riskji kollha taċ-ċibersigurtà. Il-qafas għandu jkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn ... [15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
2. Il-qafas għandu jkopri l-ambjent tal-IT kollu tal-**entità** kkonċernata [...] **tal-Unjoni**, inkluż kwalunkwe ambjent tal-IT fuq il-post, **network tat-teknoloġija operazzjonali**, assi u servizzi esternalizzati f'ambjenti tal-cloud computing jew ospitati minn partijiet terzi, apparati mobbli, networks korporattivi, networks tan-negozju mhux konnessi mal-internet u kwalunkwe apparat konness mal-ambjent tal-IT. Il-qafas **għandu jkun ibbażat fuq approċċ li jkopri l-perikli kollha u fuq valutazzjoni tal-maturità f'konformità mal-Artikolu 6 li tkopri r-riskji tekniċi, operazzjonali u organizzattivi rilevanti kollha li jista' jkollhom impatt fuq iċ-ċibersigurtà tal-entità kkonċernata tal-Unjoni [...].**

- 2a. Il-qafas għandu jistabbilixxi politiki taċ-ċibersigurtà, inkluż objettivi u prioritajiet għas-sigurtà tan-network u tas-sistemi ta' informazzjoni, u politiki u proċeduri biex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà implimentati u jiġu definiti r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-persunal.
- 2b. Il-qafas għandu jiġi rieżaminat fuq bażi regolari, u mill-inqas kull tliet snin fid-dawl tar-riskji li jinbidlu, l-assi u l-maturità tal-entità tal-Unjoni.
3. L-ogħla livell ta' maniment ta' kull **entità** [...] tal-Unjoni għandu **jissorvelja** [...] l-konformità tal-organizzazzjoni [...] **tiegħu** mal-obbligi relatati mal-ġestjoni, il-governanza u l-kontroll tar-riskji taċ-ċibersigurtà, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet formali ta' livelli oħra tal-maniment fir-rigward tal-konformità u tal-ġestjoni tar-riskji fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' responsabbiltà.
- 3a. Fejn xieraq u mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tiegħu għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-ogħla livell ta' maniment ta' kull entità tal-Unjoni jista' jiddelega lil uffiċjali għolja oħra fl-entità kkonċernata, obbligu speċifiku skont dan ir-Regolament. Irrispettivament mid-delega possibbli tal-obbligu speċifiku tiegħu, l-ogħla livell ta' maniment jista' jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' konformità mill-entitajiet mal-obbligi skont dan ir-Regolament.
- 3b. L-ogħla livell ta' maniment ta' kull entità tal-Unjoni għandu jiżgura li l-entitajiet tal-Unjoni japprovaw il-pjan taċ-ċibersigurtà li jinkludi miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà, f'konformità mal-analiżi tagħhom tar-riskji, sabiex il-qafas jiġi implimentat f'konformità ma' dan ir-Regolament.

[...]

5. Kull **entità** [...] tal-Unjoni għandha taħtar Uffiċjal Lokali taċ-Ċibersigurtà jew funzjoni ekwivalenti li għandu jaġixxi bħala l-punt uniku ta' kuntatt tagħha fir-rigward tal-aspetti kollha taċ-ċibersigurtà.

L-Uffiċjal Lokali taċ-Ċibersigurtà għandu jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jirrapporta direttament lill-ogħla livell ta' maniġment fuq bażi regolari dwar l-istat tal-implimentazzjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Uffiċjal Lokali taċ-Ċibersigurtà bħala punt uniku ta' kuntatt f'kull entità tal-Unjoni, entità tal-Unjoni tista' tiddelega ċerti kompiti tal-Uffiċjal Lokali taċ-Ċibersigurtà fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lis-CERT-UE abbażi ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz konkluż bejn dik l-entità tal-Unjoni u s-CERT-UE. L-IICB għandu jiddeċiedi jekk il-forniment ta' dan is-servizz għandux ikun parti mis-servizzi bażi tas-CERT-UE, b'kont meħud tar-riżorsi umani u finanzjarji tal-entità kkonċernata tal-Unjoni. L-Uffiċjali Lokali taċ-Ċibersigurtà maħtura u kwalunkwe bidla sussegwenti fihom għandhom jiġu nnotifikati minn kull entità tal-Unjoni lis-CERT-UE mingħajr dewmien żejjed. Is-CERT-UE għandha żżomm il-lista tal-Uffiċjali Lokali taċ-Ċibersigurtà maħtura aġġornata regolarment.

6. L-uffiċjali għolja skont it-tifsira tal-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal¹² jew uffiċjali oħra ta' livell ekwivalenti, ta' kull entità tal-Unjoni, għandhom isegwu taħriġ speċifiku fuq bażi regolari biex jiksbu għarfien u ħilet suffiċjenti sabiex jifhmu u jivvalutaw ir-riskji taċ-ċibersigurtà u l-prattiki ta' ġestjoni u l-impatt tagħhom fuq l-operazzjonijiet tal-organizzazzjoni.

¹² **Regolament tal-Kunsill Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 56, 4.3.1968.**

7. **Kull entità tal-Unjoni għandu jkollha mekkaniżmi effettivi fis-seħħ biex jiġi żgurat li perċentwal adegwat tal-baġit tal-IT jintefaq fuq iċ-ċibersigurtà. Meta jiġi definit dan il-perċentwal għandu jittieħed kont debitu tal-qafas.**

Artikolu 5

Miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà[...]

1. [...] **Kull entità tal-Unjoni għandha, taħt is-sorveljanza tal-ogħla livell ta' maniment [...] tagħha, tiżgura li jittieħdu miżuri tekniċi, operazzjonali u organizzattivi xierqa u proporzjonati biex jiġu ġestiti r-riskji identifikati skont il-qafas imsemmi fl-Artikolu 4(1), u biex jiġi prevenut u/jew minimizzat l-impatt tal-inċidenti. B'kont meħud tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u, fejn applikabbli, tal-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti, kif ukoll tal-kost tal-implimentazzjoni, dawk il-miżuri għandhom jiżguraw livell ta' sigurtà tan-network u tas-sistemi ta' informazzjoni li jkun adegwat għar-riskji li jinħolqu. Meta tiġi vvalutata l-proporzjonalità ta' dawk il-miżuri, għandu jittieħed kont debitu tal-grad tal-espożizzjoni tal-entità għar-riskji, id-daqs tagħha, il-probabbiltà tal-okkorrenza ta' inċidenti u tas-severità tagħhom, inkluż l-impatt soċjetali u ekonomiku tagħhom.**

[...]

- 3. Fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà fil-pjanijiet tagħhom taċ-ċibersigurtà, l-entitajiet tal-Unjoni għandhom jindirizzaw mill-inqas l-oqsma speċifiċi li ġejjin, f'konformità mad-dokumenti ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-IICB:**
- (a) il-politika taċ-ċibersigurtà, f'termini ta' speċifikazzjoni tal-għodod u l-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi u l-prijoritajiet imsemmija fl-Artikolu 4 fl-Artikolu 5(4);**
 - (b) l-analiżi tar-riskji u l-politiki ta' sigurtà tas-sistema ta' informazzjoni;**
 - (c) l-organizzazzjoni taċ-ċibersigurtà, inkluż id-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet;**
 - (d) il-ġestjoni tal-assi, inkluż inventarju tal-assi tal-IT u kartografija tan-network tal-IT;**
 - (e) is-sigurtà tar-riżorsi umani u l-kontroll tal-aċċess;**
 - (f) is-sigurtà tal-operazzjonijiet;**
 - (g) is-sigurtà tal-komunikazzjoni;**
 - (h) l-akkwizzizzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema, inkluż it-trattament u d-divulgazzjoni tal-vulnerabbiltajiet;**
 - (i) is-sigurtà tal-katina tal-provvista inkluż l-aspetti relatati mas-sigurtà li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn kull entità tal-Unjoni u l-fornituri diretti jew il-fornituri ta' servizzi diretti tagħha. L-entitajiet tal-Unjoni għandhom iqisu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi għal kull fornitur dirett u kull fornitur ta' servizzi dirett u l-kwalità ġenerali tal-prodotti u l-prattiki taċ-ċibersigurtà tal-fornituri u l-fornituri tas-servizzi tagħhom, inkluż il-proċeduri ta' żvilupp siguri tagħhom;**
 - (j) l-indirizzar tal-inċidenti u l-kooperazzjoni mas-CERT-UE, billi pereżempju jwettqu monitoraġġ tas-sigurtà u reġistrazzjonijiet;**

- (k) il-ġestjoni tal-kontinwità tal-operat, bħall-ġestjoni ta' riżerva u l-irkupru minn diżastri, u l-ġestjoni ta' kriżijiet; u
- (l) il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' programmi ta' edukazzjoni, ħiliet, sensibilizzazzjoni, eżerċizzju u taħriġ fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

4. L-entitajiet tal-Unjoni għandhom jindirizzaw mill-inqas il-miżuri speċifiċi tal-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà li ġejjin fl-implimentazzjoni tal-miżuri tagħhom ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà fil-pjanijiet tagħhom taċ-ċibersigurtà, f'konformità mad-dokumenti ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-IICB:

- a) l-oġġettivi u l-prijoritajiet fir-rigward tal-użu tas-servizzi ta' cloud computing skont it-tifsira tal-Artikolu 4(19) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2] u l-arranġamenti tekniċi li jippermettu t-telexogħol;
- b) passi konkreti biex fil-futur jintużaw il-prinċipji ta' Fiduċja Żero, inkluż mudell ta' sigurtà, u strateġija koordinata taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tas-sistema bbażata fuq rikonnoxximent li jeżisti theddid kemm ġewwa kif ukoll barra l-konfini tradizzjonali tan-network;
- c) l-adozzjoni tal-awtentikazzjoni b'diversi fatturi bħala norma fin-network u fis-sistemi ta' informazzjoni;
- d) l-istabbiliment ta' sigurtà tal-katina tal-provvista tas-software permezz ta' kriterji għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' software sigur;
- e) it-titjib tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku għall-faċilitazzjoni ta' livell komuni għoli ta' ċibersigurtà permezz ta':
 - i) it-tneħħija tal-ostakli kuntrattwali li jillimitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni mill-fornituri tas-servizzi tal-IT dwar inċidenti, vulnerabbiltajiet u theddid ċibernetiku mas-CERT-UE;

- ii) **l-obbligu kuntrattwali li jiġu rrapportati inċidenti, vulnerabbiltajiet u theddid ċibernetiku kif ukoll li jkun hemm fis-seħħ rispons u monitoraġġ xierqa għall-inċidenti;**
- f) **l-użu tal-kriptografija u l-kriptaġġ, u b'mod partikolari l-kriptaġġ minn tarf sa tarf;**
- g) **sistemi ta' komunikazzjoni siguri fi ħdan l-organizzazzjoni.**

Artikolu 6

Valutazzjonijiet tal-maturità

1. **Kull entità [...] tal-Unjoni għandha, fejn xieraq bl-assistenza ta' parti terza speċjalizzata, twettaq [...] valutazzjoni tal-maturità mill-inqas kull tliet snin, li tinkorpora l-elementi kollha tal-ambjent tal-IT tagħhom kif deskritt fl-Artikolu 4, b'kont meħud tad-dokumenti ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti adottati f'konformità mal-Artikolu 13.**
2. **L-IICB, fuq ir-rakkomandazzjoni tas-CERT-UE u wara konsultazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), għandu jadotta, fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, linji gwida metodoloġiċi dwar it-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-maturità.**
3. **Meta jitlestew il-valutazzjonijiet tal-maturità [...], l-entità tal-Unjoni għandha tippreżentahom lill-IICB. L-ewwel valutazzjoni tal-maturità għandha titwettaq sa mhux aktar tard minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].**

Pjanijiet taċ-ċibersigurtà

1. B'segwitu għall-konklużjonijiet derivati mill-valutazzjoni tal-maturità u waqt li jitqiesu l-assi u r-riskji identifikati skont l-Artikolu 4, l-oġġla livell ta' manġment ta' kull [...] **entità** tal-Unjoni għandu japprova pjan taċ-ċibersigurtà mingħajr dewmien żejjed wara l-istabbiliment tal-qafas [...], [...] l-adozzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji [...] taċ-ċibersigurtà [...] **u t-tweqqif tal-valutazzjoni tal-maturità u mhux aktar tard minn 21 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**. Il-pjan taċ-ċibersigurtà għandu jkollu l-għan li jżid iċ-ċibersigurtà kumplessiva tal-entità [...] **tal-Unjoni kkonċernata** u b'hekk għandu jikkontribwixxi [...] għat-titjib ta' livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fost l-**entitajiet** [...] kollha tal-Unjoni. [...] **Il-pjan taċ-ċibersigurtà għandu mill-inqas jinkludi l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà skont l-Artikolu 5 [...]. Il-pjan taċ-ċibersigurtà għandu jiġi rivedut tal-anqas kull sentejn [...], jew wara kull [...] valutazzjoni [...] tal-maturità mwettqa skont l-Artikolu 6 jew wara kull rieżami tal-qafas skont l-Artikolu 4.**
2. [...]
3. Il-pjan taċ-ċibersigurtà għandu **jieħu kont ta'** [...] kwalunkwe dokument ta' gwida u rakkomandazzjoni applikabbli maħruġa **skont l-Artikolu 13 [...].**
4. **Mat-tlestija tal-pjan taċ-ċibersigurtà, l-entità tal-Unjoni għandha tippreżentah lill-IICB.**

Rieżami bejn il-pari

1. **L-IICB għandu, fuq ir-rakkomandazzjoni tas-CERT-UE u wara konsultazzjoni mal-ENISA, jistabbilixxi, sa mhux aktar tard minn ... [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], permezz tal-metodoloġija għar-rieżamijiet bejn il-pari u l-metodoloġija għall-awtovalutazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2] adattata fejn meħtieġ għall-ħtiġijiet tal-entitajiet tal-Unjoni, il-metodoloġija u l-aspetti organizzazzjonali ta' rieżami bejn il-pari bil-ħsieb ta' tagħlim minn esperjenzi kondiviżi, it-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka, il-kisba ta' livell għoli komuni ta' ċibersigurtà, kif ukoll it-titjib tal-kapaċitajiet u l-politiki fir-rigward taċ-ċibersigurtà tal-entitajiet tal-Unjoni meħtieġa biex jiġi implimentat dan ir-Regolament. Il-parteċipazzjoni fir-rieżamijiet bejn il-pari hija volontarja. Rappreżentanti mill-Istati Membri jistgħu jieħdu sehem fir-rieżamijiet bejn il-pari bħala osservaturi. Ir-rieżamijiet bejn il-pari għandhom jitwettqu minn esperti taċ-ċibersigurtà assenjati tal-inqas minn żewġ entitajiet tal-Unjoni, differenti mill-entitajiet tal-Unjoni li jkunu qed jiġu rieżaminati u għandhom ikopru mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin:**
 - (i) **il-livell tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà u tal-obbligi ta' rapportar imsemmija fl-Artikoli 5 u 20;**
 - (ii) **il-livell ta' kapaċitajiet, inkluż ir-riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani disponibbli;**
 - (iii) **il-livell ta' implimentazzjoni tal-qafas għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, imsemmi fl-Artikolu 19;**
 - (iv) **kwistjonijiet speċifiċi ta' natura transsettorjali.**

2. **L-entitajiet tal-Unjoni jistgħu jidentifikaw il-kwistjonijiet speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (iv), li għandhom jiġu rieżaminati. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami, inkluż il-kwistjonijiet identifikati, għandhom jiġu kkomunikati lill-entitajiet parteċipanti tal-Unjoni qabel il-bidu tar-rieżami bejn il-pari.**
3. **Qabel il-bidu tar-rieżami bejn il-pari, l-entitajiet tal-Unjoni jistgħu jwettqu awtovalutazzjoni tal-aspetti rieżaminati u jipprovdu dik l-awtovalutazzjoni lill-esperti deżinjati.**
4. **Ir-rieżamijiet bejn il-pari għandhom jinkludu żjarat fuq il-post reali jew virtwali u skambji mhux fuq il-post. Fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni tajba, l-entitajiet tal-Unjoni soġġetti għar-rieżami bejn il-pari għandhom jipprovdu lill-esperti deżinjati bl-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni, mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali jew għad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva jew klassifikata. Kwalunkwe informazzjoni miksuba waqt il-proċess tar-rieżami bejn il-pari għandha tintuża biss għal dak l-iskop. L-esperti li jieħdu sehem fir-rieżami bejn il-pari ma għandhom jiżvelaw l-ebda informazzjoni sensittiva jew klassifikata miksuba waqt dak ir-rieżami lil partijiet terzi.**
5. **Ladarba jkunu soġġetti għal rieżami bejn il-pari, l-istess aspetti rieżaminati fl-entitajiet tal-Unjoni, ma għandhomx ikunu soġġetti għal rieżami ulterjuri bejn il-pari f'dawk l-entitajiet tal-Unjoni għas-sentejn wara l-konklużjoni tar-rieżami bejn il-pari, sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mill-entitajiet tal-Unjoni jew miftiehem wara proposta mill-IICB.**
6. **L-entitajiet tal-Unjoni għandhom jiżguraw li kwalunkwe riskju ta' kunflitt ta' interess li jikkonċerna l-esperti deżinjati jiġi żvelat lill-entitajiet l-oħra tal-Unjoni u lill-IICB, qabel il-bidu tar-rieżami bejn il-pari. L-entitajiet tal-Unjoni soġġetti għar-rieżami bejn il-pari jistgħu joġġezzjonaw għad-deżinjazzjoni ta' esperti partikolari għal raġunijiet debitament ġustifikati kkomunikati lill-entitajiet ta' deżinjazzjoni tal-Unjoni.**

7. **L-esperti li jipparteċipaw fir-rieżamijiet bejn il-pari għandhom jabbozzaw rapporti dwar is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-rieżamijiet. L-entitajiet tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jipprovdu kummenti dwar ir-rapporti abbozzati rispettivi tagħhom, li għandhom jiġu meħmuża mar-rapporti. Ir-rapporti għandhom jinkludu rakkomandazzjonijiet li jgħinu biex isir titjib fl-aspetti koperti mir-rieżami bejn il-pari. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati lill-IICB u lin-network tas-CSIRTs meta rilevanti. L-entitajiet tal-Unjoni taħt rieżami jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu r-rapport tar-rieżami, jew verżjoni redatta tiegħu, disponibbli għall-pubbliku.**

Artikolu 8

Implimentazzjoni

1. [...]
2. Id-dokumenti ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet, maħruġa f'konformità mal-Artikolu 13, għandhom jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu.
3. **Fuq talba tal-IICB, l-entitajiet tal-Unjoni għandhom jirrapportaw dwar aspetti speċifiċi ta' dan il-Kapitolu.**

Kapitolu III

BORD INTERISTITUZZJONALI TAĊ-ĊIBERSIGURTÀ

Artikolu 9

Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà

1. Qed jiġi stabbilit Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà (IICB).
2. L-IICB għandu jkun responsabbli għal:
 - (a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-**entitajiet** [...] tal-**Unjoni**;
 - (b) is-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u l-oġettivi ġenerali mis-CERT-UE u l-ġoti ta' direzzjoni strateġika lis-CERT-UE.
3. L-IICB għandu jkun magħmul minn:
 - a) **rappreżentant wieħed deżinjat minn kull wieħed minn dawn li ġejjin:**
 - (i) **il-Parlament Ewropew;**
 - (ii) **il-Kunsill Ewropew;**
 - (iii) **il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;**
 - (iv) **il-Kummissjoni Ewropea;**
 - (v) **il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;**
 - (vi) **il-Bank Ċentrali Ewropew;**

- (vii) **il-Qorti Ewropea tal-Awdituri;**
- (viii) **is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;**
- (ix) **il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;**
- (x) **il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni;**
- (xi) **il-Bank Ewropew tal-Investment;**
- (xii) **iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà; u**
- (xiii) **l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà;**

- b)** tliet rappreżentanti [...] **deżinjati** min-Network tal-Aġenziji tal-Unjoni (EUAN) fuq proposta tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICT tiegħu sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-aġenziji u tal-korpi li jmexxu l-ambjent tal-IT tagħhom stess. [...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

- 3a.** Il-membri jistgħu jiġu megħjuna minn sostitut. Rappreżentanti oħra tal-**entitajiet**[...] elenkati hawn fuq jew ta' [...] **entitajiet** oħra tal-Unjoni jistgħu jiġu mistiedna mill-president biex jattendu laqgħat tal-IICB mingħajr id-dritt tal-vot.
4. L-IICB għandu jadotta r-regoli ta' proċedura interni tiegħu.
5. L-IICB għandu jiddeżinja president, f'konformità mar-regoli ta' proċedura interni tiegħu, minn fost il-membri tiegħu għal perjodu ta' [...] **sentejn**. Is-sostitut tiegħu jew tagħha għandu jsir membru sħiħ tal-IICB għall-istess durata.
6. L-IICB għandu jiltaqa' **mill-inqas tliet darbiet fis-sena** fuq l-inizjattiva tal-president tiegħu, **u/jew** fuq it-talba tas-CERT-UE **u/jew** fuq it-talba ta' xi wieħed mill-membri tiegħu.
7. Kull membru tal-IICB għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjonijiet tal-IICB għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi ħlief fejn previst mod ieħor f'dan ir-Regolament. Il-president ma għandux jivvota ħlief fil-każ ta' voti ndaqs fejn huwa jew hija jista' jitfa' vot ta' deċiżjoni.
8. L-IICB jista' jaġixxi permezz ta' proċedura bil-miktub simplifikata mibdija skont ir-regoli ta' proċedura interni tal-IICB. Fil-qafas ta' dik il-proċedura, id-deċiżjoni rilevanti għandha titqies approvata fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-president, ħlief fejn membru joġġezzjona.
9. Il-Kap tas-CERT-UE, **il-president tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, il-president tal-EU-CyCLONe u l-president tan-Netwerk tas-CSIRTs**, jew is-sostituti [...] **tagħhom**, [...] **jistgħu** jipparteċipaw fil-laqgħat tal-IICB ħlief fejn ikun deċiż mod ieħor mill-IICB, **bħala osservaturi**.
10. Is-segretarjat tal-IICB għandu jiġi pprovdut mill-**ENISA** [...] **u għandu jagħti rendikont lill-president tal-IICB**.

11. Ir-rappreżentanti nnominati mill-EUAN fuq proposta tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICT għandhom jgħaddu d-deċiżjonijiet tal-IICB lill-**membri tal-EAUN** [...]. Kull aġenzija u korp tal-Unjoni għandu jkun intitolat li jqajjem kwalunkwe kwistjoni li jqis li jenħtieġ li tiġi indirizzata mill-IICB mar-rappreżentanti jew il-president tal-IICB.
12. [...]
13. L-IICB jista' **jistabbilixxi** [...] Kumitat Eżekuttiv biex jassistih fil-ħidma tiegħu, u jiddelegalu xi wħud mill-kompiti u s-setgħat tiegħu, **b'mod partikolari dawk fl-Artikolu 10, l-ittri (c) u (e)**. L-IICB għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Eżekuttiv, inkluż il-kompiti u s-setgħat tiegħu, u l-mandati tal-membri tiegħu.
14. **L-IICB għandu jippreżenta rapport lill-Kunsill kull 12-il xahar fejn jagħti dettalji dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u li jispeċifika b'mod partikolari l-firxa tal-kooperazzjoni tas-CERT-UE mal-kontropartijiet nazzjonali tagħha f'kull wiehied mill-Istati Membri. Dan ir-rapport għandu jikkostitwixxi kontribut għar-Rapport biennali dwar l-istat ta' ċibersigurtà fl-Unjoni matul l-istess perjodu ta' żmien f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2].**

Artikolu 10

Kompiti tal-IICB

Meta jeżerċita r-responsabbiltajiet tiegħu, l-IICB għandu b'mod partikolari:

- (a) [...] **jimmonitorja u jissorvelja b'mod effettiv l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament [...] u jappoġġa lill-[...]entitajiet tal-Unjonifit-tisħiħ ta' ċibersigurtà tagħhom; għal dan l-għan, l-IICB jista' jitlob rapporti ad hoc mingħand is-CERT-UE u l-entitajiet tal-Unjoni;**

- (aa) **wara diskussjoni strateġika, jadotta strateġija pluriennali dwar żieda fil-livell taċ-ċibersigurtà fl-entitajiet tal-Unjoni u jivvalutaha fuq bażi regolari u mill-inqas kull ħames snin u fejn meħtieġ, jemendaha;**
- (b) japprova, abbażi ta' proposta **mressqa** [...] mill-Kap tas-CERT-UE, il-programm ta' **ħidma annwali għas-CERT-UE u jimmonitorja l-implimentazzjoni tiegħu;**
- (c) japprova, abbażi ta' proposta mill-Kap tas-CERT-UE, il-katalogu tas-servizzi tas-CERT-UE **u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tiegħu;**
- (d) japprova, abbażi ta' proposta ppreżentata mill-Kap tas-CERT-UE, l-ippjanar finanzjarju annwali tad-dħul u tan-nefqa, inkluż tal-persunal, għall-attivitajiet tas-CERT-UE;
- (e) japprova, abbażi ta' proposta mill-Kap tas-CERT-UE, il-modalitajiet għall-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz;
- (f) jeżamina u japprova r-rapport annwali mfassal mill-Kap tas-CERT-UE li jkopri l-attivitajiet tas-CERT-UE u l-ġestjoni tal-fondi mis-CERT-UE;
- (g) japprova u jimmonitorja indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għas-CERT-UE definiti fuq proposta mill-Kap tas-CERT-UE;
- (h) japprova l-arranġamenti ta' kooperazzjoni, il-**ftehimiet** [...] dwar il-livell ta' servizz jew il-kuntratti bejn is-CERT-UE u entitajiet oħrajn skont l-Artikolu 17;
- (i) jistabbilixxi [...] gruppi konsultattivi tekniċi [...] biex jassistu l-ħidma tal-IICB, japprova t-termini ta' referenza tagħhom u jaħtar il-presidenti rispettivi tagħhom;
- (j) **jadotta dokumenti ta' gwida u rakkomandazzjonijiet abbażi ta' proposta mis-CERT-UE f'konformità mal-Artikolu 13 u jagħti struzzjonijiet lis-CERT-UE biex toħroġ, tirtira jew timmodifika proposta għal dokumenti ta' gwida jew rakkomandazzjonijiet, jew sejħa għal azzjoni;**

- (k) jirċievi u jivvaluta d-dokumenti u r-rapporti ppreżentati mill-entitajiet tal-Unjoni skont dan ir-Regolament;
- (l) jappoġġa l-istabbiliment ta' grupp informali li jlaqqa' l-Uffiċjali Lokali taċ-Ċibersigurtà tal-entitajiet kollha u b'hekk jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-informazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
- (m) jiżviluppa pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi biex jappoġġa l-ġestjoni koordinata ta' inċidenti kbar fil-livell operazzjonali li jaffettwaw lill-entitajiet tal-Unjoni u biex jikkontribwixxi għall-iskambju regolari ta' informazzjoni rilevanti b'mod partikolari dwar l-impatti u s-severità ta' inċidenti kbar u l-modi possibbli ta' mitigazzjoni.

Artikolu 11

Konformità

1. L-IICB għandu, **f'konformità mal-Artikoli 9(2) u 10**, jimmonitorja **b'mod effettiv** l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tad-dokumenti ta' gwida, ir-rakkomandazzjonijiet u s-sejħiet għal azzjoni adottati mill-entitajiet [...] tal-Unjoni. **Għal dan l-għan, l-IICB jista' jitlob informazzjoni jew dokumentazzjoni meħtieġa biex jivvaluta l-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament mill-entitajiet tal-Unjoni. Għall-fini tal-adozzjoni ta' miżuri ta' konformità skont dan l-Artikolu, l-entità tal-Unjoni kkonċernata ma għandux ikollha drittijiet tal-vot.**
2. Jekk l-IICB isib li l-entitajiet [...] tal-Unjoni ma applikawx jew ma implimentawx effettivament dan ir-Regolament jew id-dokumenti ta' gwida, ir-rakkomandazzjonijiet u s-sejħiet għal azzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament, huwa jista', mingħajr preġudizzju għall-proċeduri interni tal-[...] entità rilevanti tal-Unjoni **u, wara li jkun ta l-opportunità lill-entità jew lill-persuna kkonċernata biex tippreżenta l-fehmiet tagħha:**

- (a) **joħroġ twissija biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati f'perjodu ta' żmien speċifikat, inkluż rakkomandazzjonijiet biex jiġu emendati d-dokumenti taċ-ċibersigurtà adottati mill-entitajiet tal-Unjoni abbażi ta' dan ir-Regolament; fejn meħtieġ fid-dawl ta' riskju ċibernetiku konvinċenti, l-udjenza tat-twissija għandha tiġi ristretta b'mod xieraq;**
 - (aa) **joħroġ notifika motivata lil entità tal-Unjoni, f'każ li n-nuqqasijiet identifikati fit-twissija maħruġa qabel ma jkunux ġew indirizzati biżżejjed f'perjodu ta' żmien speċifikat, u jinnotifika b'mod formali dik l-opinjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni;**
 - (b) **joħroġ, b'mod partikolari: [...]**
 - i. **rakkomandazzjoni biex jitwettaq awditu ta' entità tal-Unjoni;**
 - ii. **talba biex jitwettaq awditu minn servizz tal-awditjar ta' parti terza;**
 - (c) **jitlob lill-entità tal-Unjoni biex tikkonforma l-ġestjoni, il-governanza u l-kontroll tar-riskji taċ-ċibersigurtà f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, fejn xieraq b'mod speċifikat u f'perjodu speċifikat.**
 - (d) **joħroġ avviż lill-Istati Membri kollha u lill-entitajiet tal-Unjoni li jirrakkomanda s-sospensjoni temporanja tal-flussi tad-data lill-entità tal-Unjoni.**
3. **Meta l-IICB ikun adotta miżuri skont il-paragrafu 2, il-punti (a) - (d), l-entità tal-Unjoni kkonċernata għandha ttipprovdi rendikont dettaljat tal-miżuri u l-azzjonijiet meħuda biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet allegati identifikati mill-IICB. L-entità tal-Unjoni għandha ttippreżenta dan ir-rendikont fi żmien raġonevoli li għandu jiġi miftiehem mal-IICB.**

4. Fejn l-IICB iqis li hemm ksur kontinwu tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament minn entità tal-Unjoni li jirriżulta direttament minn azzjonijiet jew ommissjonijiet ta' uffiċjal jew aġent ieħor tal-Unjoni, inkluż fl-ogħla livell tal-maniġment, l-IICB għandu jitlob lill-entità kkonċernata biex tieħu l-azzjonijiet xierqa, inkluż dawk ta' natura dixxiplinarja, f'konformità, b'mod partikolari, ir-regoli stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-impjeg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea. Għal dan l-għan, l-IICB għandu jittrasferixxi l-informazzjoni meħtieġa lill-entità kkonċernata.

Kapitolu IV

Is-CERT-UE

Artikolu 12

Missjoni u kompiti tas-CERT-UE

1. **Il-missjoni tas-CERT-UE** [...] [...] għandha tkun li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ambjent tal-ICT mhux klassifikat tal-[...] **entitajiet** kollha tal-Unjoni billi tagħtihom pariri dwar iċ-ċibersigurtà, tgħinhom fil-prevenzjoni, fl-identifikazzjoni, fil-mitigazzjoni u fir-rispons għall-inċidenti u billi tagħixxi bħala ċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni u tar-rispons għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà.
- 1a. **Is-CERT-UE għandha tiġbor, tamministra, tanalizza u tikkondividi informazzjoni mal-entitajiet tal-Unjoni dwar theddidiet, vulnerabbiltajiet u inċidenti fuq infrastruttura tal-ICT mhux klassifikata. Hija għandha tikkoordina r-risponsi għal inċidenti fil-livell interistituzzjonali u fil-livell tal-entitajiet tal-Unjoni, inkluż billi ttipprovdi jew tikkoordina l-forniment ta' assistenza operattiva speċjalizzata.**

2. Is-CERT-UE għandha twettaq il-kompiti li ġejjin għall- [...] **entitajiet** tal-Unjoni:
- (a) tappoġġahom fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz **tad-dispożizzjonijiet** [...] elenkati fl-Artikolu 13(1) jew permezz ta' rapporti ad hoc mitluba mill-IICB;
 - (b) [...] **toffri s-servizzi standard tas-CSIRT lill-entitajiet kollha tal-Unjoni permezz ta' pakkett ta' servizzi taċ-ċibersigurtà deskritti fil-katalogu tas-servizzi tagħha ("servizzi tal-linja bażi")**;
 - (c) iżżomm network ta' pari u sħab sabiex jappoġġaw is-servizzi kif deskritti fl-Artikoli 16 u 17;
 - (d) tiġbed l-attenzjoni tal-IICB għal kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u mal-implimentazzjoni tad-dokumenti ta' gwida, tar-rakkomandazzjonijiet u sejħiet għal azzjoni;
 - (e) **abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1a, [...] tikkontribwixxi għall-għarfien tas-sitwazzjoni ċibernetika tal-UE f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA. Din l-informazzjoni għandha tiġi kondiviża mal-IICB, kif ukoll man-Netwerk tas-CSIRTs u EU-INTCEN**;
 - (f) **taġixxi bħala l-ekwivalenti tal-koordinatur deżinjat għall-entitajiet tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2].**

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

4. **Fi ħdan il-qafas tal-kompetenzi**, is-CERT-UE għandha tinvolvi ruħha f'kooperazzjoni strutturata mal-[...] **ENISA** dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-kooperazzjoni operattiva u l-analiżi strateġika fit-tul tat-theddid ċibernetiku f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
5. Is-CERT-UE tista' tipprovdi s-servizzi li ġejjin mhux deskritti fil-katalgu tas-servizzi tagħha ("servizzi bi ħlas"):
 - (a) servizzi li jappoġġaw iċ-ċibersigurtà tal-ambjent tal-ICT tal- [...] **entitajiet** tal-Unjoni, għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2, fuq il-bażi tal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u skont ir-riżorsi disponibbli;
 - (b) servizzi li jappoġġaw operazzjonijiet jew proġetti taċ-ċibersigurtà tal- [...] **entitajiet** tal-Unjoni, għajr dawk li jipproteġu l-ambjent tal-IT tagħhom, fuq il-bażi ta' ftehimiet bil-miktub u bl-approvazzjoni minn qabel tal-IICB;
 - (c) servizzi li jappoġġaw is-sigurtà tal-ambjent tal-IT tagħhom lil organizzazzjonijiet għajr l- [...] **entitajiet** tal-Unjoni li jikkooperaw mill-qrib mal- [...] **entitajiet** tal-Unjoni, pereżempju bl-assenjar ta' kompiti jew responsabbiltajiet skont id-dritt tal-Unjoni, fuq il-bażi ta' ftehimiet bil-miktub u bl-approvazzjoni minn qabel tal-IICB.

6. Is-CERT-UE tista' torganizza **jew tieħu sehem f'eżerċizzji taċ-ċibersigurtà** jew tirrakkomanda l-parteċipazzjoni f'eżerċizzji eżistenti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-[...] **ENISA** meta jkun applikabbli, biex tittestja l-livell ta' ċibersigurtà tal- [...] **entitajiet** tal-Unjoni.
7. Is-CERT-UE tista' ttipprovdi assistenza lill- [...] **entitajiet** tal-Unjoni rigward inċidenti f'ambjenti tal-IT ikklassifikati jekk tkun espliċitament mitluba tagħmel dan mill-**entitajiet tal-Unjoni** [...] **kkonċernati f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 21 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw. L-għoti ta' assistenza mis-CERT-UE skont dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-Istati Membri jew tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva jew klassifikata.**
8. Is-CERT-UE għandha tinforma lill-entitajiet tal-Unjoni dwar il-proċeduri u l-proċessi tagħha għall-indirizzar ta' inċidenti.
9. Is-CERT-UE tista' twettaq monitoraġġ tat-traffiku tan-netwerk tal-entitajiet tal-Unjoni bil-kunsens tal-entità tal-Unjoni rilevanti.
10. Jekk tintalab espressament mid-dipartimenti tal-politika tal-entitajiet tal-Unjoni, is-CERT-UE tista' tagħti parir tekniku jew kontribut dwar kwistjonijiet ta' politika rilevanti.
11. Is-CERT-UE għandha, f'kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, tappoġġa lill-entitajiet tal-Unjoni kkonċernati fl-indirizzar ta' inċidenti li jirriżultaw fi ksur ta' data personali.

Dokumenti ta' gwida, rakkomandazzjonijiet u sejħiet għal azzjoni

1. Is-CERT-UE għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi toħroġ:
 - (a) sejħiet għal azzjoni li jiddeskrivu miżuri ta' sigurtà urġenti li l-entitajiet [...] tal-Unjoni huma mħeġġa jieħdu f'perjodu ta' żmien stabbilit. Mingħajr dewmien żejjed wara li tirċievi s-sejħa għal azzjoni, l-entità tal-Unjoni kkonċernata għandha tinforma lis-CERT-UE dwar kif daww il-miżuri ġew applikati;
 - (b) proposti lill-IICB għal dokumenti ta' gwida indirizzati lill-**entitajiet** [...] kollha tal-Unjoni jew lil subsett tagħhom;
 - (c) proposti lill-IICB għal rakkomandazzjonijiet indirizzati lil [...] **entitajiet** individwali tal-Unjoni.
2. Id-dokumenti ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet jistgħu jinkludu:
 - (a) modalitajiet għall-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà jew it-titjib tagħha u **l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji** [...] taċ-ċibersigurtà;
 - (b) modalitajiet għall-valutazzjonijiet tal-maturità u l-pjanijiet taċ-ċibersigurtà; u
 - (c) fejn xieraq, l-użu ta' teknoloġija u arkitettura komuni kif ukoll l-aħjar prattiki assoċjati bil-għan li jinkisbu l-interoperabbiltà u standards komuni, **inkluż approċċ ikkoordinat għas-sigurtà tal-katina ta' provvista** [...].

[...]

[...]

Il-Kap tas-CERT-UE

1. **Il-Kummissjoni, wara li tkun kisbet l-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-membri tal-IICB, għandha taħtar il-Kap tas-CERT-UE. L-IICB għandu jiġi kkonsultat fl-istadji kollha tal-proċedura qabel il-ħatra tal-Kap tas-CERT-UE, b'mod partikolari fl-abbozzar ta' avviżi dwar postijiet vakanti, fl-eżami ta' applikazzjonijiet u fil-ħatra ta' bordijiet tal-għażla fir-rigward ta' din il-kariga.**
2. **Il-Kap tas-CERT-UE għandu jkun responsabbli għall-funzjonament tajjeb tas-CERT-UE, filwaqt li jaġixxi skont il-mandat tiegħu taħt id-direzzjoni tal-IICB. Huwa jew hija għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-direzzjoni strateġika, il-gwida, l-oġettivi u l-prijoritajiet stabbiliti mill-IICB, u għall-ġestjoni tajba tas-CERT-UE, inkluż tar-riżorsi finanzjarji u umani tagħha. Huwa jew hija għandha tirrapporta regolarment lill-President tal-IICB.**
3. **Il-Kap tas-CERT-UE għandu jassisti lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli permezz ta' delega fl-abbozzar tar-rapport annwali tal-attività li jkun fih informazzjoni finanzjarja u ta' ġestjoni, inkluż ir-riżultati tal-kontrolli, imfassal f'konformità mal-Artikolu 66(9) tar-Regolament Finanzjarju, u għandu jirrapporta regolament lilu jew lilha dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri li fir-rigward tagħhom ġew sottodelegati s-setgħat lilu.**
4. **Kull sena l-Kap tas-CERT-UE għandu jfassal ippjanar finanzjarju tad-dħul u tan-nefqa amministrattivi għall-attivitajiet tagħha, il-proposta tal-programm ta' ħidma annwali, il-proposta tal-katalogu tas-servizzi tas-CERT-UE u r-reviżjoni tiegħu, il-proposta ta' modalitajiet għall-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u l-proposta ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għas-CERT-UE li għandhom jiġu approvati mill-IICB f'konformità mal-Artikolu 10.**

Fir-reviżjoni tal-lista ta' servizzi fil-katalogu tas-servizzi tas-CERT-UE, il-Kap tas-CERT-UE għandu jqis ir-riżorsi allokat li-CERT-UE.

5. Il-Kap tas-CERT-UE għandu jippreżenta [...] rapporti **annwali** lill-IICB [...] dwar il-prestazzjoni tas-CERT-UE, l-ippjanar finanzjarju, id-dħul, l-implimentazzjoni tal-baġit, il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u l-ftehimiet bil-miktub konklużi, il-kooperazzjoni mal-kontropartijiet u s-sħab, u l-missjonijiet imwettqa mill-persunal, inkluż ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 10([...]**a**).

Artikolu 15

Kwistjonijiet finanzjarji u ta' persunal

[...]

- 1a. Filwaqt li hija stabbilita bħala fornitur awtonomu ta' servizz interistituzzjonali għall-entitajiet kollha tal-Unjoni, is-CERT-UE għandha tiġi integrata fl-istruttura amministrattiva ta' direttorat ġenerali tal-Kummissjoni sabiex tibbenefika mill-istrutturi ta' appoġġ amministrattivi u ta' ġestjoni finanzjarja kif ukoll ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-IICB dwar il-post amministrattiv tas-CERT-UE u kwalunkwe tibdil fih. Dan l-approċċ għandu jiġi evalwat fuq bażi regolari, sa mhux aktar tard mit-tmiem ta' kwalunkwe qafas finanzjarju pluriennali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 312 TFUE sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni xierqa.**
2. Għall-applikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u finanzjarji, il-Kap tas-CERT-UE għandu jaġixxi skont l-awtorità tal-Kummissjoni.

3. Il-kompiti u l-attivitajiet tas-CERT-UE, inkluż is-servizzi pprovduti mis-CERT-UE skont l-Artikolu 12(2), [...] (4), (6), u l-Artikolu 13(1) lill- [...] **entitajiet** tal-Unjoni, iffinanzjati mill-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali ddedikata għall-amministrazzjoni pubblika Ewropea, għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' linja baġitarja distinta tal-baġit tal-Kummissjoni. Il-karigi assenjati lis-CERT-UE għandhom jiġu spjegati f'nota f'qiegħ il-paġna għall-pjan ta' stabbiliment tal-Kummissjoni.
4. L- [...] **entitajiet** tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jagħmlu kontribuzzjoni finanzjarja annwali lis-CERT-UE biex ikopru s-servizzi pprovduti mis-CERT-UE skont dak il-paragrafu 3. Il-kontribuzzjonijiet rispettivi għandhom ikunu bbażati fuq l-orjentazzjonijiet mogħtija mill-IICB u miftiehma bejn kull entità u s-CERT-UE fi ftehimiet dwar il-livell ta' servizz. Il-kontribuzzjonijiet għandhom jirrappreżentaw sehem ġust u proporzjonat tal-kostijiet totali tas-servizzi pprovduti. Dawn għandhom jiġu riċevuti mil-linja baġitarja distinta msemmija fil-paragrafu 3 bħala dħul assenjat kif previst fl-Artikolu 21(3), il-punt (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³.
5. Il-kostijiet tal-kompiti definiti fl-Artikolu 12(5) għandhom jiġu rkuprati mill- [...] **entitajiet** tal-Unjoni li jirċievu s-servizzi tas-CERT-UE. Id-dħul għandu jiġi assenjat għal-linji baġitarji li jappoġġaw il-kostijiet.

¹³ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Kooperazzjoni tas-CERT-UE mal-kontropartijiet tal-Istati Membri

1. Is-CERT-UE għandha , **mingħajr dewmien żejjed**, tikkoopera u tiskambja informazzjoni mal-kontropartijiet nazzjonali fl-Istati Membri, **jiġifieri** [...] [...], is-CSIRTs **imsemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2]**, u/jew fejn applikabbli awtoritajiet **kompetenti nazzjonali** u punti uniċi ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2], dwar theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti taċ-ċibernetika, dwar kontromiżuri possibbli u dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għat-titjib tal-protezzjoni tal-ambjenti tal-IT tal- [...] **entitajiet** tal-Unjoni, inkluż permezz tan-network tas-CSIRTs imsemmi fl-Artikolu 13 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2].
 - 1a. **Is-CERT-UE għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lil kwalunkwe kontroparti nazzjonali rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 fi Stat Membru, meta ssir taf b'inċidenti sinifikanti li jseħħu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, sakemm is-CERT-UE ma jkollhiex l-informazzjoni li l-entità tal-Unjoni affettwata tkun diġà rrapportat tali inċident f'konformità mal-Artikolu 20(2a).**
2. Is-CERT-UE **għandha, mingħajr dewmien żejjed**, [...] tiskambja informazzjoni speċifika għall-inċidenti mal-kontropartijiet nazzjonali fl-Istati Membri għall-faċilitazzjoni tad-detezzjoni ta' theddid ċibernetiku jew inċidenti simili **jew tagħti kontribut għall-analiżi ta' inċident** mingħajr **il-ħtieġa tal-kunsens tal-entità tal-Unjoni affettwata**[...] . Is-CERT-UE **ma għandhiex** tiskambja [...] informazzjoni speċifika għall-inċidenti li tiżvela l-identità tal-mira tal-inċident taċ-ċibersigurtà **dment li**[...]
 - (a) **ma jkunx hemm il-kunsens tal-entità tal-Unjoni affettwata;**
 - (b) **l-entità tal-Unjoni affettwata ma tkunx diġà ppubblikat li kienet affettwata;**

- (c) ma jkun hemm ebda kunsens mill-entità tal-Unjoni affettwata, iżda l-pubblikazzjoni tal-identità tal-entità tal-Unjoni affettwata żżid il-probabbiltà li l-inċidenti xi mkien ieħor jiġu evitati jew mitigati. Tali deċiżjonijiet jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kap tas-CERT-UE. L-entità tal-Unjoni affettwata għandha tiġi infurmata qabel il-pubblikazzjoni.

Artikolu 17

Kooperazzjoni tas-CERT-UE ma' kontropartijiet [...] oħrajn

1. Is-CERT-UE tista' tikkoopera ma' kontropartijiet [...] **fl-Unjoni Ewropea minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 16**, inkluż kontropartijiet speċifiċi għas-settur tal-industrija dwar għodod u metodi, bħal tekniki, tattiki, proċeduri u l-aħjar prattiki, u dwar theddid ċibernetiku u vulnerabbiltajiet. Għal kull kooperazzjoni ma' dawn il-kontropartijiet, [...] is-CERT-UE għandha tfittex approvazzjoni minn qabel mill-IICB **fuq bażi ta' każ b'każ. Is-CERT-UE għandha tinforma lil kwalunkwe kontroparti nazzjonali rilevanti msemmija fl-Artikolu 16(1), fi Stat Membru li fih tkun tinsab il-kontroparti, meta s-CERT-UE tistabbilixxi kooperazzjoni ma' dawn il-kontropartijiet.**
2. Is-CERT-UE tista' tikkoopera ma' sħab oħrajn, bħal entitajiet kummerċjali, organizzazzjonijiet internazzjonali, entitajiet nazzjonali mhux tal-Unjoni Ewropea jew esperti individwali, sabiex tiġbor informazzjoni dwar theddid ċibernetiku ġenerali u speċifiku, vulnerabbiltajiet u kontromiżuri possibbli. Għal kooperazzjoni usa' ma' dawn is-sħab, is-CERT-UE għandha tfittex approvazzjoni minn qabel mill-IICB **fuq bażi ta' każ b'każ.**

3. Is-CERT-UE tista', dment li jkun hemm fis-seħħ arranġament jew kuntratt ta' nondivulgazzjoni mas-sieħeb rilevanti, bil-kunsens tal-entità tal-Unjoni [...] affettwata minn inċident, tipprovdi informazzjoni relatata mal-inċident speċifiku lis-sħab **imsemmija fil-paragrafi 1 u 2** unikament għall-fini li tagħti kontribut [...] għall-analiżi tiegħu. Dawn il-ftehimiet jew kuntratti ta' nondivulgazzjoni għandhom ikunu verifikati legalment f'konformità mal-proċeduri interni rilevanti tal-Kummissjoni. Ftehim jew kuntratti ta' nondivulgazzjoni ma għandhomx jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-IICB, iżda l-president tal-IICB għandu jiġi infurmat.
4. Is-CERT-UE tista', b'mod eċċezzjonali, tidħol f'arranġamenti fil-livell tas-servizz ma' entitajiet oħra li mhumiex entitajiet tal-Unjoni mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-IICB.

Kapitolu V

OBBLIGI TA' KOOPERAZZJONI U TA' RAPPORTAR

Artikolu 18

Skambju ta' informazzjoni

1. Is-CERT-UE u l- [...] **entitajiet** tal-Unjoni għandhom jirrispettaw l-obbligu tas-segretezza professjonali f'konformità mal-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew oqfsa applikabbli ekwivalenti.

2. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ għandhom japplikaw fir-rigward ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mis-CERT-UE, inkluż l-obbligu skont dak ir-Regolament li jiġu kkonsultati **entitajiet** [...] tal-Unjoni , **u fejn rilevanti l-Istati Membri**, kull meta talba tikkonċerna d-dokumenti tagħhom.

[...]

4. It-trattament tal-informazzjoni mis-CERT-UE u mill- [...] **entitajiet** tal-Unjoni għandu jkun konformi mar-regoli **applikabbli** [...] dwar is-sigurtà tal-informazzjoni[...].

[...]

Artikolu 19

[...] Skambju ta' informazzjoni dwar iċ-Ċibersigurtà

- 1. L-entitajiet tal-Unjoni jistgħu jipprovdu lis-CERT-UE informazzjoni dwar theddid ċibernetiku, inċidenti, kważi inċidenti u vulnerabbiltajiet li jaffettwawhom. Is-CERT-UE għandha tiżgura li jkunu disponibbli mezzi ta' komunikazzjoni effiċjenti għall-finijiet tal-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-entitajiet tal-Unjoni. Is-CERT-UE tista' tagħti prijorità lill-ipproċessar tan-notifiki obbligatorji fuq in-notifiki volontarji.

¹⁴ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

1. Sabiex [...] tkun tista' **twettaq il-missjoni u l-kompiti tagħha kif definiti fl-Artikolu 12**, is-CERT-UE [...] tista' titlob lill- [...] **entitajiet** tal-Unjoni biex jipprovdulha informazzjoni mill-inventarji tas-sistemi tal-IT rispettivi tagħhom, **inkluż informazzjoni relatata ma' theddid ċibernetiku, kważi aċċidenti, vulnerabbiltajiet, indikaturi ta' kompromess, twissijiet taċ-ċibersigurtà u rakkomandazzjonijiet dwar il-konfigurazzjoni tal-għodod taċ-ċibersigurtà biex jiġu identifikati inċidenti ċibernetiċi** [...]. L- [...] **entità** mitluba tal-Unjoni għandha tibgħat l-informazzjoni mitluba, u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tagħha, mingħajr dewmien żejjed.
2. Wara talba mis-CERT-UE, l- [...] **entitajiet** tal-Unjoni għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jipprovdulha informazzjoni diġitali maħluqa bl-użu ta' apparati elettroniċi involuti fl-inċidenti rispettivi tagħhom. Is-CERT-UE tista' tiċċara aktar liema tipi ta' informazzjoni diġitali bħal din teħtieġ għall-għarfien tas-sitwazzjoni u għar-rispons għall-inċidenti.
3. Is-CERT-UE tista' tiskambja biss informazzjoni speċifika għall-inċident **mal-entitajiet tal-Unjoni** li tiżvela l-identità tal- [...] **entità** tal-Unjoni affettwata mill-inċident bil-kunsens ta' dik l-entità. **Meta ma jingħatax il-kunsens, l-entità kkonċernata għandha tipprovdi raġunijiet debitament ġustifikati lis-CERT-UE.** [...]
4. L-obbligi ta' kondiviżjoni ma għandhomx jestendu għal Informazzjoni Klassifikata tal-UE (IKUE) u għal informazzjoni **li d-distribuzzjoni tagħha lil hinn mill-entità riċeventi tal-Unjoni tkun ġiet eskluża mis-sors tal-informazzjoni permezz ta' mmarkar viżibbli, dment li s-sors tal-informazzjoni** [...] **ma jippermettix b'mod espliċitu li din l-informazzjoni tiġi kondiviża mas-CERT-UE.** [...]

-1. Inċident għandu jittqies sinifikanti jekk:

- (a) ikun ikkawża jew kapaċi jikkawża tfixkil operazzjonali serju għall-funzjonament tal-entità tal-Unjoni jew telf finanzjarju għall-entità tal-Unjoni kkonċernata;**
- (b) ikun affettwa jew jista' jaffettwa persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra billi jikkawża dannu materjali jew mhux materjali konsiderevoli.**

1. L- [...] **entitajiet** kollha tal-Unjoni għandhom **jippreżentaw** [...] **lis-CERT-UE:** [...]

[...].

- (a) mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa wara li jkunu saru jafu bl-inċident sinifikanti, twissija bikrija, li, fejn applikabbli, għandha tindika jekk l-inċident sinifikanti hux preżumibbilment ikkawżat minn atti illegali jew malizzjużi u jekk għandux jew jistax ikollu impatt transfruntier;**
- (b) mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa wara li jkunu saru jafu bl-inċident sinifikanti, notifika ta' inċident, li, fejn applikabbli, għandha taġġorna l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu (a) u tindika valutazzjoni inizjali tal-inċident sinifikanti, is-severità u l-impatt tiegħu, kif ukoll, fejn disponibbli, l-indikaturi ta' kompromess;**
- (c) fuq talba tas-CERT-UE, rapport intermedju dwar l-aġġornamenti rilevanti tal-istatus;**

- (d) **rapport finali sa mhux aktar tard minn xahar wara l-preżentazzjoni tan-notifika tal-inċident sinifikanti skont il-punt (b), li jinkludi tal-inqas dan li ġej:**
- (i) **deskrizzjoni dettaljata tal-inċident sinifikanti, is-severità u l-impatt tiegħu;**
 - (ii) **it-tip ta' theddida jew il-kawża ewlenija li aktarx skattat l-inċident sinifikanti;**
 - (iii) **il-miżuri ta' mitigazzjoni applikati u li għadhom fis-seħħ.**
 - (iv) **fejn applikabbli, l-impatt transfruntier tal-inċident sinifikanti;**
- (e) **f'każijiet ta' inċidenti sinifikanti li jkunu għaddejjin fil-ħin tal-preżentazzjoni tar-rapport finali msemmi fil-punt (d), rapport ta' progress f'dak il-waqt u rapport finali fi żmien xahar wara li l-inċident ikun ġie ttrattat.**

[...]

(g) [...]

(h) [...]

(i) [...]

(j) [...]

- 2a. L-entitajiet kollha tal-Unjoni għandhom jikkondividu l-informazzjoni rrapportata f'konformità mal-paragrafu 1 fl-istess skeda ta' żmien ma' kwalunkwe kontroparti nazzjonali rilevanti msemmija fl-Artikolu 16(1) fejn tinsab.**

3. **Kull tliet xhur, is-CERT-UE għandha tippreżenta [...] lill-IICB, lil EU INTCEN u lin-Network tas-CSIRTs [...] rapport sommarju li jinkludi data anonimizzata u aggregata dwar theddid ċibernetiku [...] u vulnerabbiltajiet [...] f'konformità mal-Artikolu 19, it-tweġibiet tal-entitajiet tal-Unjoni għal sejħiet għal azzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (a), u inċidenti sinifikanti notifikati f'konformità mal-paragrafu 1. Dak ir-rapport għandu jikkostitwixxi kontribut għar-Rapport biennali dwar l-istat ta' ċibersigurtà fl-Unjoni skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva [il-proposta NIS 2].**
4. **L-IICB għandu, [...] sa [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], joħroġ dokumenti ta' gwida jew rakkomandazzjonijiet li jispeċifikaw ulterjorment [...] il-modalitajiet, il-format u l-kontenut tar-rapportar [...]. Id-dokumenti ta' gwida jew rakkomandazzjonijiet għandhom iqisu kif xieraq id-dispożizzjonijiet li jkunu qed jiġu implimentati minn kwalunkwe att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 20(11) tad-Direttiva [il-proposta NIS 2] is-CERT-UE għandha taqsam id-dettalji tekniċi xierqa biex tippermetti detezzjoni proattiva, rispons għall-inċidenti jew miżuri ta' mitigazzjoni mill-entitajiet tal-Unjoni.**
5. **L-obbligi ta' rapportar [...] ma għandhomx jestendu għal IKUE u għal informazzjoni li d-distribuzzjoni tagħha lil hinn mill-entità riċeventi tal-Unjoni tkun għet eskluża mis-sors tal-informazzjoni permezz ta' mmarrar viżibbli, dment li s-sors tal-informazzjoni [...] ma jippermettix b'mod espliċitu li din l-informazzjoni tiġi kondiviża mas-CERT-UE. [...]**

Koordinazzjoni tar-rispons għall-inċidenti u kooperazzjoni [...]

1. Meta taġixxi bħala ċentru ta' koordinazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u tar-rispons għall-inċidenti ċibernetiċi, is-CERT-UE għandha tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tat-theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti taċ-ċibernetika bejn:
 - (a) l- [...] **entitajiet** tal-Unjoni;
 - (b) il-kontropartijiet imsemmija fl-Artikoli 16 u 17.
2. Is-CERT-UE, [...] **fejn rilevanti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA f'konformità mal-Artikolu 7(7)(d) tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà¹⁵**, għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni fost [...] l-**entitajiet** tal-Unjoni dwar ir-rispons għal inċidenti, inkluż:
 - (a) kontribuzzjoni għall-komunikazzjoni esterna konsistenti;
 - [...]
 - (c) l-aħjar użu tar-riżorsi operazzjonali;
 - (d) koordinazzjoni ma' mekkaniżmi oħrajn ta' rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-Unjoni.
3. Is-CERT-UE, **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA**, għandha tappoġġa lill- [...] **entitajiet** tal-Unjoni rigward l-għarfien tas-sitwazzjoni ta' theddid, vulnerabbiltajiet u inċidenti taċ-ċibernetika.

¹⁵ REGOLAMENT (UE) 2019/881 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà)

4. L-IICB għandu, sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], **abbażi ta' proposta mis-CERT-UE, jadotta dokumenti ta' [...] gwida jew rakkomandazzjonijiet** dwar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tar-rispons għal inċidenti sinifikanti. Jekk ikun hemm suspett dwar in-natura kriminali b'rabta ma' inċident, is-CERT-UE għandha tagħti pariri dwar kif l-inċident għandu jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

Artikolu 22

Ġestjoni ta' inċidenti kbar[...]

- 1. Sabiex jappoġġa l-ġestjoni kkoordinata ta' inċidenti kbar fil-livell operazzjonali li jaffettwaw lill-entitajiet tal-Unjoni u biex jikkontribwixxi għall-iskambju regolari ta' informazzjoni rilevanti fost l-entitajiet tal-Unjoni u mal-Istati Membri, l-IICB għandu jiżviluppa pjan ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi bbażat fuq l-attivitajiet dettaljati fl-Artikolu 21(2), f'kooperazzjoni mill-qrib mas-CERT-UE u l-ENISA, u għandu jinkludi, mill-inqas, l-elementi li ġejjin:
- (a) modalitajiet ta' koordinazzjoni u fluss ta' informazzjoni fost l-entitajiet tal-Unjoni għall-ġestjoni ta' inċidenti kbar fil-livell operazzjonali;
 - (b) proċeduri ta' ħidma standard (SOPs) komuni;
 - (c) tassonomija komuni tas-severità ta' inċidenti kbar u punti ta' skattar ta' kriżijiet;
 - (d) eżerċizzji regolari;
 - (e) mezzi ta' komunikazzjoni siguri li għandhom jintużaw;
 - (f) punt ta' kuntatt għal EU-CyCLONe, li għandu jikkondividi l-informazzjoni rilevanti ma' EU-CyCLONe bħala inputs għall-għarfien kondiviż tas-sitwazzjoni.

1. Is-CERT-UE għandha tikkordina r-risponsi għal [...] **inċidenti** kbar fost l-**entitajiet** [...] tal-Unjoni. Hija għandha żżomm inventarju ta' għarfien espert tekniku li jkun meħtieġ għar-rispons għal inċidenti fil-każ ta' **inċidenti kbar** [...].
2. L- [...] **entitajiet** tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu għall-inventarju ta' għarfien espert tekniku billi kull sena jipprovdu lista aġġornata ta' esperti disponibbli fl-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom bid-dettalji tal-ħiliet tekniċi speċifiċi tagħhom.
3. **Wara talba speċifika minn Stat Membru li fih tinsab l-entità tal-Unjoni affettwata u bl- [...] approvazzjoni tal-entità [...] tal-Unjoni [...] affettwata [...], is-CERT-UE tista' ssejjaħ ukoll esperti mil-lista msemmija fil-paragrafu 2 biex jikkontribwixxu għar-rispons għal inċident [...] kbir f'dik [...] l-entità tal-Unjoni [...].**

Kapitolu VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 23

Riallokazzjoni baġitarja inizjali

Il-Kummissjoni għandha tipproponi r-riallokazzjoni ta' persunal u riżorsi finanzjarji mill- [...] **entitajiet** rilevanti tal-Unjoni għall-baġit tal-Kummissjoni. Ir-riallokazzjoni għandha tkun effettiva fl-istess ħin bħall-ewwel baġit adottat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Rieżami

1. L-IICB, bl-assistenza tas-CERT-UE, għandu jirrapporta perjodikament dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Kummissjoni. L-IICB jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex **tirrieżamina** [...] dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn **36** [...] xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull tliet snin wara dan.
3. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament ta' dan ir-Regolament u tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni **mhux aktar tard minn** [...] ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ. **Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat, jekk meħtieġ, bi proposta leġislattiva.**

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

ANNEX II

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]

[...]
